

Brussell, 7 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

9955/23

SOC 410
EMPL 287
ECOFIN 542
EDUC 239

NOTA

minn:	Kumitat tal-Impjiegi u Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Valutazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi għall-2023 u tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi għall-2022: Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali - Approvazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża l-Opinjoni msemmija hawn fuq bil-ħsieb tal-approvazzjoni tagħha fil-laqgħa tal-Kunsill (EPSCO) tat-12 ta' Ġunju 2023.

Opinjoni Orizzontali

tal-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali

dwar iċ-Ċiklu tas-Semestru Ewropew tal-2023

Preambolu

Fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tat-Titoli IX u X tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE); il-mandat tal-Kumitati mogħti mill-Artikoli 148, 150 u 160; u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu l-Kumitati, il-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) eżaminaw il-progress li sar mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi rilevanti maħruġa mill-Kunsill tal-UE fl-oqsma tal-impjiegi, il-ħiliet, il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali bejn l-2019 u l-2022¹.

Matul iċ-ċiklu tas-Semestru, wara l-proposti rispettivi ppreżentati mill-Kummissjoni Ewropea u f'konformità mal-Artikolu 148 TFUE, fl-2023 il-Kumitati kkontribwew ukoll għall-finalizzazzjoni tar-Rakkomandazzjoni *l-ġdida dwar il-Politika Ekonomika taż-Żona tal-Euro (EAR)*, ir-Rapport Konġunt *dwar l-Impjiegi (JER)* u r-Rakkomandazzjonijiet *Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSRs)*. Barra minn hekk, tħejjew il-Konklużjonijiet tal-Kunsill b'rispons għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli tal-2023 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2023.

¹ Il-Kumitati adottaw żewġ approċċi differenti biex iwettqu l-attivitajiet ta' sorveljanza multilaterali rispettivi tagħhom fl-2023. Filwaqt li l-KPS għażel li jirrieżamina l-progress tal-aħħar sett ta' CSRs maħruġa fl-2022, minbarra dawn l-EMCO ddeċieda li jkompli jivvaluta wkoll il-progress ta' diversi CSRs tal-passat meqjusa li għadhom rilevanti, u jikkomplementahom ulterjorment bi sfidi addizzjonali li jirriżultaw mill-ġhodod ta' monitoraġġ tiegħu (bħall-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi u t-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali).

Fl-2023, l-EMCO u l-KPS irriflettew ukoll dwar kif tista' tissaħħaħ id-dimensjoni soċjali tas-Semestru Ewropew, f'konformità mal-mandati konsekuttivi riċevuti mill-Presidenza Franċiża, Ċeka u dik Żvedja wara l-proposta mill-Belġju u Spanja biex tiġi introdotta "*Proċedura ta' Żbilanċi Soċjali*" (*SIP*). B'mod partikolari, wara li stabbilixxew Grupp ta' Ħidma konġunt iddedikat inkarigat biex jeżamina aktar il-kwistjonijiet imsemmija fl-Opinjoni tagħhom imħejjija f'Mejju 2022², il-Kumitati fformulaw sett ta' *Messaġġi Ewlenin* li jiġbru fil-qosor is-sejbiet ta' rapport tekniku dwar l-integrazzjoni possibbli ta' *Qafas ta' Konverġenza Soċjali (SCF)* fis-Semestru Ewropew³.

It-**Taqsim** **1** ta' din l-opinjoni fiha l-fehmiet ġenerali tal-Kumitati dwar l-aspetti ta' governanza tas-Semestru Ewropew. It-**Taqsim** **2** fiha riflessjonijiet dwar il-proposti għas-CSRs tal-2023 adottati mill-Kummissjoni Ewropea u ppreżentati lill-EMCO u lill-KPS fil-25 ta' Mejju 2023. It-**Taqsim** **3** fiha l-eżitu tal-eżami tal-progress tal-Istati Membri lejn l-implimentazzjoni tas-CSRs rilevanti ta' bejn l-2019 u l-2022 u l-isfidi relatati, fil-forma ta' messaġġi tematiċi li jirriżultaw mir-rieżamijiet ta' sorveljanza multilaterali mwettqa mill-Kumitati. Il-konklużjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi huma mehmūza bħala **annessi**.

² Dokument tal-Kunsill 9222/22.

³ Dokument tal-Kunsill 9481/23, abbażi tar-rapport tekniku mħejji minn Grupp ta' Ħidma konġunt.

Taqsim 1

Aspetti ta' governanza tas-Semestru Ewropew

Matul iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew tal-2023, u b'mod partikolari fil-kuntest tal-gwida politika fformulata mill-Kummissjoni, l-EMCO u l-KPS laqgħu **r-riflessjoni kontinwa tal-erba' dimensjonijiet ta' "sostenibbiltà kompetittiva"**, l-enfasi fuq **l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**, kif ukoll **l-integrazzjoni tal-miri ewlenin tal-UE u l-miri nazzjonali għall-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar**⁴. Kif stabbilit mill-Aġenda Strateġika tal-UE 2019-2024⁵, l-implimentazzjoni tal-Pilastru għandha tkun prijorità ewlenija fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kompetenzi rispettivi u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. F'dan il-kuntest, is-Semestru Ewropew – bħala l-qafas tal-UE għall-koordinazzjoni u s-sorveljanza tal-politiki ekonomiċi, fiskali, tal-impjiegi u soċjali, f'konformità mat-Trattat – għandu jibqa' jaqdi **rwol ċentrali biex jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Pilastru fl-Istati Membri**.

-
- ⁴ Tal-anqas 78 % tal-popolazzjoni bejn l-20 u l-64 sena għandha tkun f'impjieg; kull sena, tal-anqas 60 % tal-adulti kollha (ta' bejn il-25 u l-64 sena) għandhom jipparteċipaw f'attivitajiet ta' taġġim; l-għadd ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għandu jitnaqqas b'tal-anqas 15-il miljun (meta mqabbel mal-2019).
- ⁵ Fil-laqgħa tiegħu fi Brussell fl-20 ta' Ġunju 2019, il-Kunsill Ewropew qabel dwar aġenda għall-UE għall-ħames snin li ġejjin. "Aġenda strateġika ġdida 2019-2024" tippreżenta l-oqsma ta' prijorità li ser imexxu l-ħidma tal-Kunsill Ewropew u jipprovdu gwida għall-programmi ta' ħidma tal-istituzzjonijiet oħra tal-UE.

L-implimentazzjoni tal-**Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRPs)** tibqa' inkorporata fis-Semestru Ewropew, inkluż fir-rigward tal-introduzzjoni tal-**Pjan REPowerEU** mmirat biex inaqqas malajr id-dipendenza tal-Ewropa fuq il-fjuwils fossili u jaċċellera t-tranżizzjoni ekoloġika⁶. Filwaqt li jqisu l-impatt tal-RRPs fuq il-formulazzjoni tal-gwida politika fis-Semestru, l-EMCO u l-KPS itennu li l-**Kunsill EPSCO għandu jkun involut fil-kwistjonijiet kollha relatati mal-impjiegi, il-ħiliet u l-isfidi u l-prijoritajiet tal-politika soċjali**, biex jiġu żgurati gwida politika, koerenza politika, sjieda u konsistenza fl-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti f'dawn l-oqsma ta' politika fil-livell nazzjonali.

F'konformità ma' dan ta' hawn fuq, **wara li laqgħu t-tkomplija ta' ċiklu aktar standard fl-2022** wara l-aġġustamenti temporanji għas-Semestru fl-2021, l-EMCO u l-KPS jappellaw biex **tiġi stabbilita koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn il-politiki ekonomiċi, fiskali, tal-impjiegi u soċjali**⁷, minħabba l-firxa wiesgħa ta' riskji soċjoekonomiċi attwali u sfidi ta' politika influwenzati mill-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u bil-ħsieb li jiġu żgurati tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ġusti u tkabbir sostenibbli u inklużiv. F'dan il-kuntest, **it-tisħiħ tar-rwol tal-EPSCO u l-Kumitati tiegħu fis-Semestru Ewropew** - anke fid-dawl tar-Rieżami tal-Governanza Ekonomika li għaddej - jibqa' prijorità ewlenija, filwaqt li jirrikonoxxi l-**ħtiġijiet li jitkomplew l-isforzi biex jiġu modernizzati l-għodod ta' monitoraġġ tal-Kumitati, jinżamm il-fokus eżistenti tas-Semestru f'konformità mat-Trattat, u jiġu evitati riskji ta' piż amministrattiv**.

⁶ F'Mejju 2022, il-Kummissjoni pproponiet li tagħmel emendi mmirati għar-Regolament RRF biex tintegra kapitoli ddedikati tar-REPowerEU fil-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza eżistenti tal-Istati Membri. Wara l-qbil politiku li ntlaħaq bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fl-14 ta' Diċembru 2022, il-possibbiltà li jizjeddu kapitoli ġodda tar-REPowerEU ġiet formalizzata permezz tar-Regolament 2023/435 tas-27 ta' Frar 2023.

⁷ F'konformità mal-kompetenzi rispettivi bbażati fuq it-Trattat u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

Wara l-eżami mwettaq b'mod parallel maċ-ċiklu tas-Semestru 2023 dwar l-integrazzjoni possibbli ta' Qafas ta' Konverġenza Soċjali u wara li jkunu ħadu nota tal-proposti leġislattivi ppreżentati mill-Kummissjoni fis-26 ta' April 2023 għal qafas riformat ta' governanza ekonomika tal-UE⁸, **L-EMCO u l-KPS jilqgħu riflessjonijiet konġunti dwar il-futur tas-Semestru Ewropew fil-livell tekniku u politiku mal-filière tal-ECOFIN⁹**, inkluż dwar kif il-proposti għal governanza ekonomika riformata tal-UE ser jintegraw il-ħtieġa li jiġu segwiti riformi strutturali fil-qasam tal-impjiegi, tal-ħiliet u dak soċjali biex jiġi implimentat il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Il-Kumitati jesprimu l-apprezzament tagħhom għall-**opportunità li jikkontribwixxu għar-riflessjonijiet li għaddejjin dwar il-futur tal-Politika ta' Koeżjoni qabel iċ-ċiklu ta' programmazzjoni li jmiss¹⁰**, filwaqt li jqisu r-rabtiet importanti tagħha mas-Semestru Ewropew u l-finanzjament addizzjonali disponibbli permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. L-EMCO u l-KPS huma tal-opinjoni li sabiex jinżammu l-aspirazzjonijiet tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u jingħata kontribut attiv għall-kisba tal-miri ewlenin tal-UE u dawk nazzjonali għall-2030, huwa importanti li **tiġi diskussa aktar l-effettività tal-Politika ta' Koeżjoni**, inkluż l-allinjament tagħha mas-CSRs maħruġ fil-kuntest tas-Semestru, u **ssir riflessjoni fuq it-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex jiġi infurmat it-tfassil futur ta' fondi oħra tal-UE**.

⁸ Disponibbli online u fformulati abbażi tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE" approvati fil-laqgħa tal-Kunsill ECOFIN tal-14 ta' Marzu 2023.

⁹ F'dan il-kuntest, fil-laqgħa tal-KPE tas-16 ta' Mejju 2023, diversi membri tal-KPE appellaw għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn il-Kumitati EPSCO u ECOFIN.

¹⁰ F'Jannar 2023, beda l-ħidma tiegħu Grupp ta' Livell Għoli dwar il-futur tal-Politika ta' Koeżjoni (Grupp ta' speċjalisti ta' livell għoli dwar il-futur tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE, "HLG" 4). Il-Grupp ilaqqa' flimkien 18-il rappreżentant tad-dinja akkademika, awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, sħab soċjali u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili maħtura fil-kapaċità personali tagħhom. Il-Grupp ta' Livell Għoli għandu jħejji rapport fil-bidu tal-2024. F'nofs l-2025, il-Kummissjoni mistennija tadotta l-proposti għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss. F'dan il-kuntest, l-EMCO u l-KPS kellhom l-ewwel skambju ta' fehmiet fil-11 ta' Mejju 2023.

Finalment, l-EMCO u l-KPS kellhom ukoll **diskussjonijiet komprensivi mas-Sħab Soċjali Ewropej u r-rappreżentanti tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjeta' Ċivili**, inkluż dwar il-Pakkett tar-Rebbiegħa, li rriżultaw fi djalogu kostruttiv u sostantiv, li ġie kkunsidrat fit-tnejn ta' din l-opinjoni. Il-Kumitati jqisu l-**involvement sinifikanti u f'waqtu tas-sħab soċjali, is-soċjeta' ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra fl-istadji kollha tas-Semestru Ewropew u taċ-ċiklu tat-tfassil tal-politika bħala fattur importanti**, għas-suċċess tal-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika ekonomika, tal-impjiegi u dik soċjali.

Taqsim 2

Valutazzjoni tal-proposti tal-Kummissjoni għar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi tal-2023

Il-ħruġ tal-proposti għas-CSRs tal-2023, adottati mill-Kummissjoni fl-24 ta' Mejju 2023, **ikkonferma b'mod ġenerali l-approċċ stabbilit mill-Kummissjoni fl-2022 fir-rigward tal-gwida politika għall-Istati Membri**. Il-Kumitati jinnotaw li l-**għadd ta' CSRs fl-oqsma taħt il-kompetenza tal-EPSCO għadu aktar limitat milli fiċ-ċikli tas-Semestru qabel l-introduzzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza**, f'konformità ma' approċċ "simplifikat" li jqis in-natura komprensiva tal-RRPs.

L-EMCO u l-KPS jieħdu nota wkoll tal-**għadd relattivament ogħla ta' CSRs "orizzontali" proposti għall-Istati Membri kollha** – b'mod partikolari dwar miżuri fiskali mmirati biex jipproteġu lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli minn inflazzjoni għolja u prezzijiet tal-enerġija li qed jiżdiedu, l-akkwist ta' ħiliet ekoloġiċi, u l-implimentazzjoni tal-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni u tal-RRPs, inkluż il-finalizzazzjoni ta' kapitoli ġodda tar-REPowerEU. Filwaqt li l-isforzi biex jiġi żgurat Semestru simplifikat huma milqugħa tajjeb, **in-natura speċifika għall-pajjiż tas-CSRs għandha tiġi ppreservata, speċjalment fid-dawl tal-għadd aktar limitat ta' CSRs proposti dwar l-impjiegi u kwistjonijiet soċjali**. Il-Kumitati jtennu l-importanza tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-riformi soċjali u fl-impjiegi taħt l-RRPs bħala parti mill-attivitajiet annwali tagħhom ta' sorveljanza multilaterali u ta' rieżami.

Matul id-diskussjonijiet dwar il-proposti tas-CSR tal-2023, **l-interazzjonijiet mal-Kumitat tal-Politika Ekonomika (KPE) u l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju - Alternati (KPE-A) ippermettew eżami effettivi ta' diversi kwistjonijiet politiċi ta' natura trasversali**. F'konformità mal-prattika standard, id-diskussjoni dwar is-CSRs relatati mal-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ħiliet saret fl-EMCO bis-sehem ta' delegati mill-Kumitat tal-Edukazzjoni (EDUC). Is-CSRs relatati mas-saħħa ġew diskussi fil-KPS, bis-sehem tal-esperti nazzjonali. **L-EMCO u l-KPS jenfasizzaw li l-iskeda ta' żmien kompressa rikorrenti għad-diskussjoni u l-finalizzazzjoni tas-CSRs fil-Kumitati għandha impatt negattiv fuq il-kapaċità tagħhom li jkollhom diskussjonijiet multilaterali sinifikanti u jappellaw għal riflessjonijiet serji dwar il-kalendarju taċ-ċikli futuri tas-Semestru**.

Taqsima 3

Sejbiet ewlenin mir-rieżamijiet ta' sorveljanza multilaterali tal-EMCO u l-KPS dwar l-implimentazzjoni ta' Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi rilevanti mill-passat

Is-sorveljanza multilaterali hija waħda mill-kompiti ewlenin tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali fil-qafas tas-Semestru Ewropew¹¹. Din tinvolvi, fost oħrajn¹², valutazzjoni fil-fond tar-riformi u l-investimenti skattati mir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi maħruġa mill-Kunsill f'ċikli preċedenti tas-Semestru. Bħala tali, l-attivitajiet ta' sorveljanza multilaterali mwettqa mill-EMCO u l-KPS għandhom rwol essenzjali fl-appoġġ tal-isforzi ta' riforma tal-Istati Membri permezz ta' skambji ta' għarfien dwar il-politika u l-aħjar prattiki u l-promozzjoni ta' fehim kondiviż tal-isfidi speċifiċi għall-pajjiżi bil-ħsieb li l-Kunsill jiġi infurmat.

-
- ¹¹ Għall-EMCO, l-eżerċizzju huwa bbażat fuq l-Artikoli 148 u 150 TFUE, filwaqt li għall-KPS huwa bbażat fuq l-Artikolu 160 TFUE. Ir-[Regolament UE 1175/2011](#) (li jemenda lil 1466/1997) jidentifika l-EMCO u l-KPS fost il-kumitati rilevanti li għandhom jiġu involuti fil-proċess tas-Semestru Ewropew skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom. Iż-żewġ Deċiżjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu l-Kumitati ([2015/772](#), li tħassar lil 2000/98 għall-EMCO; u [2015/773](#), li tħassar lil 2004/689 għall-KPS) ukoll tawhom mandat biex jikkontribwixxu għall-aspetti kollha tas-Semestru Ewropew fl-oqsma rispettivi tagħhom.
- ¹² Fl-EMCO, l-attivitajiet ta' sorveljanza multilaterali jinkludu tliet fergħat: (i.) ir-"rieżamijiet tas-CSR", ibbażati fuq CSRs tal-imgħoddi u, f'ċerti snin, is-sejbiet identifikati mill-għodod ta' monitoraġġ tal-Kumitat; (ii.) ir-"rieżamijiet tematiċi", ibbażati fuq ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill adottati mill-Kunsill EPSCO u indirizzati lill-Istati Membri kollha; u (iii.) ir-"rieżami tad-Djalogu Soċjali", ibbażat fuq id-dispożizzjonijiet tal-Linja Gwida nru 7 dwar l-Impjiegi. Fil-KPS, minbarra r-"rieżamijiet tas-CSR", l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill spiss tiġi diskussa abbażi ta' arranġamenti ad hoc (eż. diskussjoni tal-pjanijiet nazzjonali).

Fl-2023, wara r-ritorn għal Semestru regolari iżda aktar simplifikat fl-2022, **il-KPS reġa' beda l-approċċ tradizzjonali li jivvaluta biss l-aħħar sett ta' CSRs**¹³ (jiġifieri dawk maħruġa fl-2022), filwaqt li **l-EMCO għażel li jżid mas-CSRs il-ġodda tal-2022 xi sfidi komplementari identifikati** abbażi tal-għodod ta' monitoraġġ tiegħu u tal-progress miksub fl-implimentazzjoni tas-CSRs tal-2019-2020. Ġew rieżaminati wkoll xi wħud mis-CSRs tal-2022 meqjusa ta' interess komuni b'mod konġunt mill-KPS u l-EMCO, skont il-prattika li rnexxiet, stabbilita fl-2020. Fl-istess ħin, id-**dimensjoni tematika baqgħet prominenti wkoll fl-2023 fil-forma ta' diskussjonijiet fil-fond** dwar kull qasam politiku taħt il-kompetenza tal-Kumitati. L-aspetti tematiċi tad-diskussjonijiet fiż-żewġ Kumitati kkontribwew għat-tħejjija ta' konklużjonijiet orizzontali, kif ippreżentati f'din it-taqsim.

Matul l-ewwel nofs tal-2023, **l-EMCO u l-KPS wettqu 76 rieżami speċifiku għall-pajjiżi**, inkluż 5 rieżamijiet f'oqsma ta' interess reċiproku li twettqu b'mod konġunt miż-żewġ Kumitati. Ir-rieżamijiet tal-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ħiliet (19 b'kollox) twettqu mill-EMCO bis-sehem tad-delegati mill-Kumitat tal-Edukazzjoni (EDUC), filwaqt li dawk imwettqa mill-EMCO dwar id-djalogu soċjali (7 b'kollox) attendew għalihom rappreżentanti mis-sħab soċjali tal-UE u xi wħud mill-affiljati nazzjonali tagħhom. Ir-rieżamijiet fil-qasam tal-kura tas-saħħa (5 b'kollox) twettqu fil-KPS bil-parteċipazzjoni attiva ta' rappreżentanti nazzjonali mill-Ministeri għas-saħħa. Għar-rieżamijiet kollha speċifiċi għall-pajjiżi, l-evalwazzjonijiet kienu msejsa fuq ir-rappurtar tal-Istati Membri dwar l-aktar miżuri reċenti meħuda, segwit minn valutazzjonijiet ta' dawk il-miżuri minn Stati Membri l-oħra u mill-Kummissjoni. Il-konklużjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi ġew maqbula b'mod reċiproku u huma annessi ma' din l-opinjoni.

¹³ Fl-2020, il-Kumitati vvalutaw l-implimentazzjoni tas-CSRs tal-2019 biss, l-aktar permezz ta' proċedura bil-miktub minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Fl-2021, il-Kumitati qablu li jirrieżaminaw l-implimentazzjoni tas-CSRs tal-2020 (iffukati fuq il-pandemija tal-COVID-19) ikkomplementati minn subsett ta' CSRs rilevanti tal-2019 (li jirreferu għal kwistjonijiet aktar strutturali li għadhom rilevanti). Fl-2022, l-approċċ tas-sena ta' qabel kien ikkonfermat iżda ġie emendat biex jitnaqqas l-għadd ta' rieżamijiet u jiġi kkunsidrat in-nuqqas ta' CSRs fl-2021: filwaqt li l-EMCO uża l-għodod ta' monitoraġġ tiegħu biex jivvaluta r-rilevanza tas-CSRs tal-2020 u l-2019 u jidentifika "sfidi emerġenti" possibbli mhux koperti minn rakkomandazzjonijiet preċedenti, il-KPS talab lill-Istati Membri biex "jagħżlu" li jiġu rieżaminati u saħħaħ ir-rieżamijiet b'diskussjonijiet tematiċi aktar fil-fond dwar l-oqsma politiċi.

3.1. Ir-riformi fil-qasam tad-djalogu soċjali

Fis-7 ta' Novembru 2022, l-EMCO kellu r-rieżami annwali tiegħu dwar id-djalogu soċjali flimkien mas-sħab soċjali Ewropej u nazzjonali. Bl-għan li jiġu vvalutati l-kwalità u l-effettività tad-djalogu soċjali, fid-dawl tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi, ir-rieżami tal-2022 ġie arrikkit b'diskussjoni tematika dwar ir-rwol tad-djalogu soċjali fl-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika, kif ukoll permezz tad-diskussjoni ta' xi eżempji nazzjonali ta' oqfsa istituzzjonali, l-involvement tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politika, u l-kapaċità tas-sħab soċjali.

Matul id-diskussjoni tematika, ġie enfasizzat li t-tranżizzjoni lejn ekonomiji u soċjetajiet newtrali għall-klima teħtieġ approċċ ta' gvern sħiħ u ta' soċjetà sħiħa. Għalhekk huwa essenzjali li jiġi żgurat li s-sħab soċjali jkunu jistgħu jinteraġixxu ma' atturi li jmexxu l-proċess u jkunu involuti fost l-entitajiet u l-livelli differenti tal-amministrazzjonijiet nazzjonali. F'dan il-kuntest, xi Stati Membri ammettew li huma meħtieġa aktar sforzi biex jinħolqu oqfsa adegwati għall-konsultazzjonijiet, b'mod partikolari bejn is-sħab soċjali u l-awtoritajiet tal-enerġija u tal-klima, bil-ħsieb tal-aġġornament tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima fl-2023–2024. Fl-istess ħin, ġie enfasizzat ukoll li, minħabba n-natura multidimensjonali tal-proċess ta' tranżizzjoni u l-varjetà tat-trasformazzjonijiet meħtieġa, huma meħtieġa wkoll konsultazzjonijiet separati u sistematiki mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Id-dimensjoni lokali tat-tranżizzjoni ekoloġika ġiet enfasizzata wkoll, speċjalment il-ħtieġa li l-komunitajiet jiġu involuti fit-tfassil ta' proġetti li x'aktarx ikollhom impatt qawwi fuq l-ekonomiji lokali.

Ir-rappreżentanti tal-impjegaturi enfasizzaw b'mod partikolari l-interazzjoni bejn it-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika, kif ukoll ir-rwol importanti tad-dimensjoni settorjali, b'mod partikolari fir-rigward tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol lejn produzzjoni aktar ekoloġika. Bħala parti mill-politiki nazzjonali tat-taħriġ, it-titjib tat-tfassil u l-adattabbiltà tal-kurrikuli u l-kwalifiki għad-domandi li qed jinbidlu tal-impjiegi ġie enfasizzat bħala punt kruċjali għal koordinazzjoni msaħħa u tagħlim komparattiv fil-livell tal-UE. Il-qafas ta' referenza maqbul reċentement għall-kompetenzi tas-sostenibbiltà – GreenComp – ġie enfasizzat ukoll bħala għodda ġdida importanti li għandha tiġi kkunsidrata aktar bħala parti mill-koordinazzjoni tal-EMCO matul l-2023. Ġiet enfasizzata l-kumplessità inerenti għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-ħiliet futuri, kif ukoll l-importanza relatata tat-tisħiħ tal-għodod tat-tbassir tal-ħiliet. It-trade unions enfasizzaw ukoll ir-rwol li jista' jkollha l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol fl-indirizzar tan-nuqqas ta' ħiliet attwali u futuri.

Id-diskussjoni tematika indirizzat ukoll il-konsegwenzi li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja lejn l-Ukraina qed ikollha fuq il-prezzijiet tal-enerġija. Issemmew ir-rwol tat-tassazzjoni, il-protezzjoni soċjali u l-ħtieġa li l-miżuri ta' appoġġ għall-unitajiet domestiċi u l-kumpaniji jkunu mmirati b'attenzjoni lejn dawk fil-bżonn, filwaqt li xi sħab soċjali u Stati Membri huma tal-opinjoni li mekkaniżmu simili għal SURE jkun xieraq biex itaffi l-impatt taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-ikel fuq l-ekonomija Ewropea jew biex irawwem tranżizzjoni ekoloġika ġusta b'mod effettiv. Issemmiet ukoll il-possibbiltà li jiġi introdott mekkaniżmu temporanju ta' limitu fuq il-prezzijiet fis-suq Ewropew tal-gass.

Ġiet enfasizzata wkoll l-importanza li jsir użu tajjeb mir-riżorsi żejda li l-gvernijiet irċevew permezz tat-taxxi fuq il-komoditajiet u prodotti oħra fil-kuntast ta' inflazzjoni għolja.

Is-sħab soċjali nazzjonali għandhom rwol importanti f'dawn id-diskussjonijiet fid-dawl tas-sovrapożizzjoni bejn ir-rispons politiku għall-kriżi tal-enerġija, inkluż fir-rigward tal-finanzjament tal-protezzjoni soċjali, u n-negozjar kollettiv tagħhom, inkluż dwar il-pagi u l-aċċess għat-taħriġ.

Ir-rieżamijiet speċifiċi għall-pajjiż enfasizzaw li, fl-Istati Membri kważi kollha, il-qafas istituzzjonali għad-djalogu soċjali huwa aktar minn adegwat. Madankollu, jibqa' mill-aktar importanti li jiġi evitat involviment sempliċiment formalistiku tas-sħab soċjali u li jiġi żgurat proċess ta' konsultazzjoni f'waqt u sinifikanti matul il-proċess kollu tat-tfassil tal-politika. Il-kwalità tal-konsultazzjonijiet tista' titjieb ukoll meta tkun sostnuta minn sejbiet ibbażati fuq l-evidenza u valutazzjonijiet tal-impatt ex ante tal-leġislazzjoni proposta.

Ġie nnutat ukoll li, speċjalment fi żminijiet ta' kriżi, bħal dawk ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 u ż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-ikel, jibqa' kruċjali li tiġi bbilanċjata l-ħtieġa tal-gvernijiet li jirrispondu fil-pront għall-ħtiġijiet emerġenti tal-ekonomiji u s-soċjetajiet u l-ħtieġa li s-sħab soċjali jiġi involuti b'mod sinifikanti billi jingħataw żmien adegwat għall-kontributi tagħhom. F'kuntest bħal dan, il-bini tal-kapaċitajiet għandu rwol ukoll, peress li dawk is-sħab soċjali li ma għandhomx biżżejjed kapaċità jistgħu jiffaċċjaw ostakli addizzjonali biex ikunu involuti minnufih f'konsultazzjonijiet infurmati.

Il-kopertura tan-negozjar kollettiv, speċjalment fis-settur privat, għadha dgħajfa b'mod inkwetanti f'xi Stati Membri, filwaqt li f'oħrajn ġie nnutat tnaqqis fis-sħubija. F'xi każijiet, il-valutazzjoni korretta tar-rappreżentattività tas-sħab soċjali tibqa' problema. Għal dawk l-Istati Membri kkonċernati, ser ikun importanti li l-fondi tal-FSE+ 2021–2027 jintużaw għall-bini tal-kapaċità tas-sħab soċjali b'mod li jħalli impatt. Barra minn hekk, f'konformità mad-Direttiva l-ġdida tal-UE dwar pagi minimi adegwati, xi Stati Membri għandhom iżidu l-isforzi biex jipprovdu kundizzjonijiet abilitanti mtejba u jistabbilixxu pjan ta' azzjoni għan-negozjar kollettiv.

3.2. Riforimi fl-oqsma tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, it-tassazzjoni fuq ix-xogħol u x-xogħol mhux iddikjarat

Fl-10 ta' Marzu 2023, l-EMCO kellu r-rieżami annwali tiegħu dwar it-Tassazzjoni tax-Xogħol u s-Segmentazzjoni tas-Suq tax-Xogħol bl-għan li jivvaluta l-progress lejn l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSRs) rilevanti għall-2019–2022, kif ukoll biex jindirizza sfidi addizzjonali identifikati mill-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi u t-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali¹⁴. Minbarra r-rieżamijiet speċifiċi għall-pajjiżi, saret diskussjoni tematika bbażata fuq is-sejbiet ewlenin tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2023.

a. Tassazzjoni fuq ix-Xogħol

Minħabba ż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-ikel ikkawżata mill-aggressjoni Russa lejn l-Ukrajna, fl-2022 ħafna Stati Membri kellhom jintroduċu miżuri biex itaffu l-impatt tal-inflazzjoni fuq l-unitajiet domestiċi u l-introjt tal-ħaddiema. Xi pajjiżi għamlu użu mill-ispazju fiskali disponibbli, filwaqt li oħrajn żiedu r-riżorsi disponibbli billi, pereżempju, imponew taxxi fuq qligħ mhux mistenni ta' kumpaniji tal-enerġija. Xi pajjiżi indirizzaw ir-riskju ta' żieda fit-tassazzjoni għal introjti aktar baxxi ("pressjoni fiskali") billi rvedew il-livelli tat-taxxa (bracket creeps).

¹⁴ F'konformità mal-arranġamenti operazzjonali maqbula għall-eżerċizzju MLS tal-2023, minħabba l-enfasi wiesgħa fuq settijiet multipli ta' CSRs u sfidi addizzjonali, l-Istati Membri ngħataw l-għażla li ma jipparteċipawx f'kull rieżami f'każ li jirrikonoxxu li ma sar "ebda progress" fl-aħħar 12-il xahar. Il-**Belġju**, il-**Latvja** u s-**Slovenja** għażlu li ma jipparteċipawx fir-rieżami. L-**Italja** u s-**Slovakkja** għażlu li ma jipparteċipawx minħabba l-mandat usa' tas-CSR tagħhom tal-2022 dwar it-tassazzjoni.

Madankollu, għe rreġistrat ukoll progress f'ħafna Stati Membri fl-ekoloġizzazzjoni tas-sistema tat-taxxi u biex din tappoġġa t-tkabbir sostenibbli aħjar, b'taħlita ta' inċentivi għal attivitajiet tajbin għall-ambjent u diżinċentivi għall-użu tal-fjuwils fossili. Iżda bħala appoġġ għat-tkabbir inklużiv għad fadal lok sew, f'bosta Stati Membri, għaċ-ċaqliq tat-tassazzjoni lil hinn mix-xogħol u għal titjib fis-sistema tat-taxxa u l-benefiċċji. Rati tat-taxxa marġinali mfassla tajjeb jistgħu jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, speċjalment fejn jidħol it-tieni sors ta' dħul, u jżidu s-siġhat tax-xogħol. Barra minn hekk, il-porzjon tat-taxxa fuq il-ħaddiema b'paga baxxa għadu għoli f'ħafna Stati Membri.

b. Segmentazzjoni tas-Suq tax-Xogħol

Is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol madwar l-Istati Membri tkompli taffettwa lil ċerti gruppi, b'mod partikolari ż-żgħażaġh, in-nisa, il-migranti u l-persuni b'livell baxx ta' hili. F'ċerti każijiet, il-part-time involontarju għadu għoli, b'rati baxxi ta' tranżizzjoni minn kuntratti temporanji għal kuntratti permanenti. Matul l-2022, ħafna Stati Membri komplew bl-isforzi tagħhom biex jippromwovu kuntratti indefiniti bħala l-arranġament tax-xogħol tipiku, inkluż billi jissikkaw il-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tal-impjieg fuq kuntratti temporanji u forom atipiċi oħra ta' xogħol. L-indirizzar tal-abbużi fl-użu ta' forom atipiċi ta' xogħol u impjieg indipendenti u l-indirizzar tax-xogħol mhux iddikjarat jibqgħu prijorità fl-aġenda politika ta' ħafna Stati Membri.

Għal dan il-għan, frekwenza ogħla ta' spezzjonijiet tax-xogħol għet ikkomplementata b'rekwiżiti ulterjuri dwar l-użu ta' ċerti forom ta' impjieg b'terminu fiss, bħal kuntratti ta' zero siġhat. Madankollu, hemm ir-riskju li atti leġislattivi li jaffettwaw biss tipi uniċi ta' kuntratti ma jkunux effettivi fl-indirizzar tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, peress li jistgħu biss iċaqilqu l-preferenza tal-impjegaturi lejn tipi oħra ta' kuntratti atipiċi. Filwaqt li jissalvagwardjaw il-ħtieġa ta' ċertu grad ta' flessibilità fis-suq tax-xogħol marbuta mal-fluttwazzjonijiet taċ-ċiklu tan-negozju, ir-riformi għandu jkollhom l-għan li jgħallqu qafas koerenti li jippromwovi kuntratti indefiniti, irawwem tranżizzjonijiet minn impjieg temporanji għal impjieg permanenti, jippromwovi inċentivi għat-taħriġ fuq il-post tax-xogħol, jiżgura l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għal kulħadd, u jgħallqu kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji.

3.3. Riformi fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ħiliet

Fit-30 ta' Marzu u t-13 ta' April 2023, l-EMCO kellu r-rieżami annwali tiegħu dwar l-Edukazzjoni u l-Ħiliet flimkien mal-Kumitat tal-Edukazzjoni (EDUC) biex jivvaluta l-progress lejn l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSRs) rilevanti għall-2019–2022, kif ukoll biex jindirizza sfidi komplementari identifikati mill-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi u t-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali¹⁵. Minbarra r-rieżamijiet speċifiċi għall-pajjiżi, saret diskussjoni tematika bbażata fuq is-sejbiet tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2023, u ġie ppreżentat studju tal-każ mill-Irlanda.

L-eżiti tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Istati Membri kollha għadhom influwenzati b'mod qawwi mill-isfondi soċjoekonomiċi tal-istudenti. Status soċjoekonomiku żvantaġġat, sfond ta' migrazzjoni, appartenenza fi grupp minoritarju, jew għajxien f'żona rurali jibqgħu l-kawżi ewlenin tad-distakki eżistenti. L-istudenti żvantaġġati għandhom aktar probabbiltà minn gruppi oħra li jibqgħu lura fil-qari, il-matematika u x-xjenza, u li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni jew mit-taħriġ. Barra minn hekk, il-parteeipazzjoni fl-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal għadha inqas mill-medja għat-tfal friskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali u għall-gruppi vulnerabbli. Filwaqt li 13-il Stat Membru laħqu l-mira tal-2030 taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni għall-kisba tal-edukazzjoni terzjarja, xi pajjiżi għadhom lura. F'ħafna pajjiżi d-disparitajiet bejn il-ġeneri huma sostanzjali u qed jiżdiedu. Filwaqt li n-nisa għandhom prestazzjoni aħjar mill-irġiel fejn tidħol il-kisba ġenerali tal-edukazzjoni terzjarja, is-sehem tagħhom fl-oqsma STEM huwa aktar baxx. L-Istati Membri qed jiffaċċjaw skarsezzi dejjem akbar fost l-għalliema, speċjalment fis-suġġetti STEM u fiż-żoni soċjoekonomikament żvantaġġati.

¹⁵ F'konformità mal-arranġamenti operazzjonali maqbula għall-eżerċizzju MLS tal-2023, minħabba l-enfasi wiesgħa fuq settijiet multipli ta' CSRs u sfidi addizzjonali, l-Istati Membri ngħataw l-għażla li ma jipparteċipawx f'kull rieżami f'każ li jirrikonoxxu li ma sar "ebda progress" fl-aħħar 12-il xahar. **Ċipru, il-Ġermanja u l-Ungerija** għażlu li ma jipparteċipawx fir-rieżami.

B'rispons għall-isfidi msemmija hawn fuq, l-Istati Membri implimentaw jew qed jimplimentaw riformi mmirati aktar lejn il-gruppi vulnerabbli u li jindirizzaw id-disparitajiet reġjonali fl-aċċess għall-kwalità fl-edukazzjoni, u li jimmodernizzaw l-edukazzjoni għolja inkluż permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), il-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni, u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta. Barra minn hekk, qed isiru sforzi biex l-edukazzjoni diġitali, ekoloġika u relatata mal-iżvilupp sostenibbli tkompli tiġi integrata fil-kurrikuli mill-istadji bikrija tal-edukazzjoni.

Filwaqt li l-Istati Membri qed iżidu l-isforzi tagħhom biex itejbu l-ħiliet tal-għalliema, b'mod partikolari l-ħiliet diġitali, qed jiġu implimentati wkoll miżuri li jindirizzaw in-nuqqasijiet, inkluż billi l-professjoni tat-tagħlim issir aktar attraenti u bl-introduzzjoni ta' perkorsi alternattivi għall-professjoni tat-tagħlim. Il-proklamazzjoni tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet tista' tirrappreżenta opportunità bla preċedent biex l-Istati Membri jqajmu kuxjenza fost iċ-ċittadini tal-UE dwar l-importanza li jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom, inkluż bil-ħsieb li tinkiseb il-mira ewlenija tal-UE għall-2030 dwar il-ħiliet u l-miri nazzjonali relatati. L-evidenza turi li għad hemm disparitajiet fil-parteeċipazzjoni fit-tagħlim għall-adulti, b'dawk li suppost huma aktar fil-bżonn — eż. persuni b'livell baxx ta' ħiliet — jipparteċipaw ħafna inqas minn persuni b'livell oġġettiv ta' edukazzjoni. Il-parteeċipazzjoni fit-tagħlim hija wkoll aktar baxxa għal dawk li jgħixu f'żoni rurali, u dan jindika l-ħtieġa li tittejjeb l-infrastruttura tat-taħriġ u li jitkompla l-investiment fit-tagħlim mill-bogħod.

Minkejja l-isforzi akbar fl-Istati Membri kollha, il-ħiliet diġitali jistgħu jiġu prijoritizzati aktar fil-kuntest tal-politiki tat-taħriġ, speċjalment f'dawk il-pajjiżi fejn is-sehem tal-adulti b'tal-inqas ħiliet diġitali bażiċi huwa baxx. F'każijiet bħal dawn, il-lakuni fil-ħiliet diġitali għandhom ikomplu jiġu indirizzati wkoll, b'mod partikolari meta jaffettwaw lin-nisa, lill-persuni b'livell baxx ta' ħiliet, lill-persuni qiegħda, u lill-persuni inattivi.

Diversi Stati Membri introduċew jew qed jippjanaw li jintroduċu politiki ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid bl-għan li jindirizzaw in-nuqqas dejjem akbar ta' ħiliet f'setturi b'domanda għolja (bħall-kura tas-saħħa), jindirizzaw l-ispariġġ fil-ħiliet, u jadattaw il-ħiliet tal-forza tax-xogħol għad-dinja tax-xogħol li qed tinbidel, inkluż bl-appoġġ tar-riżorsi disponibbli mill-FSE+ u min-NextGenerationEU. Il-mikrokredenzjali u l-kontijiet individwali tal-apprendiment qed jiġu ttestjati dejjem aktar bħala mezz biex l-oportunitajiet ta' apprendiment isiru aktar aċċessibbli, flessibbli, u mfassla apposta għall-ħtiġijiet tal-individwi. F'kuntest ta' swieq tax-xogħol ristretti u qgħad baxx, l-Istati Membri qed jintroduċu dejjem aktar miżuri ta' taħriġ li primarjament jimmiraw lejn dawk l-aktar vulnerabbli, li l-potenzjal tagħhom għadu mhux sfruttat.

Qed tkompli tizzied ukoll is-sensibilizzazzjoni dwar l-importanza ta' għodod tajbin u affidabbli ta' tbassir tal-ħiliet. F'xi ċirkostanzi l-kwistjoni tibqa' tkun dwar kif is-sistemi ta' informazzjoni dwar il-ħiliet jiġu integrati aħjar fil-politiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

3.4. Riformi fil-qasam tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u s-servizzi pubbliċi tal-impjiegi

Fil-31 ta' Marzu 2023, l-EMCO wettaq ir-rieżami annwali tiegħu dwar il-Politiki Attivi tas-Suq tax-Xogħol (ALMPs) u s-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) biex jivvaluta l-progress lejn l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSRs) rilevanti ta' bejn l-2019 u l-2022 u jindirizza l-isfidi komplementari identifikati fil-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi u t-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali¹⁶. Qabel ir-rieżamijiet speċifiċi għall-pajjiż, saret diskussjoni tematika bbażata fuq is-sejbiet ewlenin tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2023, il-kontributi tal-President tan-Network tal-PES, u l-preżentazzjoni ta' Franza tal-proġett tagħha dwar "territorji mingħajr qgħad fit-tul".

¹⁶ F'konformità mal-arranġamenti operazzjonali maqbula għall-eżerċizzju MLS tal-2023, minħabba l-enfasi wiesgħa fuq settijiet multipli ta' CSRs u sfidi addizzjonali, l-Istati Membri ngħataw l-għażla li ma jipparteċipawx f'kull rieżami f'każ li jirrikonoxxu li ma sar "ebda progress" fl-aħħar 12-il xahar. Il-**Bulgarija** u l-**Ungerija** għażlu li ma jipparteċipawx fir-rieżami.

Fl-2022, l-impjiegi komplew jikbru fl-Istati Membri Ewropej kollha. B'74.9 % fir-raba' trimestru tal-2022, ir-rata ta' impjieg tal-EU-27 kienet żewġ punti perċentwali ogħla mil-livelli ta' qabel il-pandemija. Madankollu, għad hemm diskrepanzi sinifikanti bejn l-Istati Membri u gruppi soċjoekonomiċi differenti. Għadhom meħtieġa sforzi biex jiġu promossi opportunitajiet ta' impjieg ta' kwalità u jiżiedu r-rati ta' impjieg tan-nisa, iż-żgħażaġh, l-individwi b'livell baxx ta' ħiliet, il-persuni b'diżabilità, il-persuni bi sfond ta' migrazzjoni, u l-minoranzi etniċi, sabiex jintlaħqu l-miri tal-impjiegi tal-2030 tal-pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Fil-kuntest ta' żviluppi pożittivi fis-suq tax-xogħol, iż-żieda żgħira fil-qgħad fit-tul hija inkwetanti.

Quddiem iż-żieda qawwiya fin-nuqqasijiet ta' ħaddiema u ħiliet, li qed jaffettwaw il-maġġoranza l-kbira tal-ekonomiji Ewropej, l-Istati Membri u s-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi tagħhom qed jiffukaw dejjem aktar fuq il-politiki ta' taħriġ, b'mod partikolari fuq il-ħiliet ekoloġiċi u diġitali, kif ukoll fuq l-okkupazzjonijiet u s-setturi b'domanda ogħla (eż. il-kura tas-saħħa u t-turiżmu), inkluż biex irawmu tranżizzjonijiet sostenibbli fis-suq tax-xogħol. Madankollu, l-importanza li tittejjeb il-kwalità tal-appoġġ ipprovdut lill-aktar gruppi vulnerabbli hija rikonoxxuta sew, u ġew introdotti miżuri għal dan l-għan, b'mod partikolari biex jissaħħu l-gwida u l-konsulenza dwar il-karrieri kif ukoll il-ħidma biex jintlaħqu n-nies.

Minkejja dan, f'ħafna Stati Membri Ewropej, il-perċentwal ta' persuni li qed ifittxu impjieg li jipparteċipaw fl-intervent tal-politika tas-suq tax-xogħol għadu ferm inqas minn 40 %, u l-infiq fuq l-ALMPs huwa inqas minn 2 % tal-PDG, li jindika l-ħtieġa li tissaħħaħ il-provvista ta' miżuri mfassla tajjeb u sforzi biex tissaħħaħ l-inklużività tagħhom. F'dan ir-rigward, għaddejjin sforzi biex jittejbu t-twassil u l-kapaċità tas-servizzi tal-PES, inkluż permezz ta' għodod diġitali u għodod imtejba tas-suq tax-xogħol u tat-tbassir tal-ħiliet. Madankollu, il-livell ta' maturità organizzattiva u l-kapaċità tal-PES għadu mhux uniformi madwar l-Istati Membri, u għadhom meħtieġa sforzi, fost l-oħrajn, biex jittejbu s-sħubijiet u l-kooperazzjoni ma' atturi oħra, bħall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-impjegaturi.

L-appoġġ ipprovdut mill-Fondi ta' Koeżjoni u l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza qed jgħinu lil ħafna Stati Membri jindirizzaw l-isfidi ewlenin li jħabbtu wiċċhom magħhom fl-implimentazzjoni tal-ALMP. Madankollu, it-tfassil tal-politika jista' jibbenefika minn evalwazzjoni aktar sistematika tal-interventi tal-passat.

3.5. Riformi fil-qasam tal-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol permezz ta' aċċess għall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC) u l-kura fit-tul (LTC)

Fl-24 ta' Mejju 2023, l-EMCO u l-KPS kellhom ir-rieżami annwali tagħhom dwar kwistjonijiet ta' interess konġunt, b'mod partikolari l-protezzjoni soċjali, l-appoġġ għall-introjt u l-aċċess għas-servizzi b'enfasi fuq il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol marbuta mas-servizzi, biex jiġi vvalutat il-progress lejn l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSRs) rilevanti għall-2019-2022. Ir-rieżamijiet ġew infurmati permezz ta' preżentazzjoni tematika mill-Kummissjoni bbażata wkoll fuq is-sejbiet tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2023.

Differenzi sostanzjali bejn il-ġeneri f'termini kemm tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol kif ukoll tal-intensità tax-xogħol jippersistu f'ħafna pajjiżi tal-UE, bis-sehem ta' ħaddiema part-time fost in-nisa impjegati li jibqa' 20 punti perċentwali ogħla minn dak tal-irġiel b'ħala medja tal-UE. Ir-responsabbiltajiet ta' kura, inkluż għal persuni li jeħtieġu kura fit-tul u għat-tfal, jibqgħu wieħed mill-fatturi ewlenin li jxekklu l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u l-impjieg full-time f'ħafna Stati Membri, b'hekk madwar 7.7 miljun mara jinżammu barra mis-suq tax-xogħol. L-impatt tal-paternità fuq l-impjieg tan-nisa għadu sostanzjalment negattiv fl-UE (-10.6 pp) b'lakuni partikolarment kbar f'xi Stati Membri. Fil-livell tal-UE, il-parteċipazzjoni fl-Edukazzjoni u Kura Bikrija tat-Tfal (ECEC) għal tfal taħt it-tliet snin żdiedet għal 36.2 % fl-2021. Madankollu, is-sitwazzjoni tvarja ħafna fost l-Istati Membri, u ħafna minnhom għadhom lura meta mqabbla mal-miri riveduti ta' Barċellona.

Madankollu, ġie osservat progress b'mod ġenerali fl-ġhoti ta' aċċess għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal affordabbli u ta' kwalità tajba, b'mod partikolari billi tiġi estiża l-provvista ta' postijiet disponibbli u jiġu appoġġati l-familji b'introjtu baxx fl-aċċess għas-servizzi. F'xi każijiet, il-parteeipazzjoni fl-ECEC żdiedet billi tbaxxiet l-età għall-edukazzjoni obligatorja. Minkejja l-isforzi li saru, għad fadal sfidi sostanzjali fit-titjib tal-aċċess għat-tfal bi sfond soċjoekonomiku fqir u fit-tfassil tal-ECEC għall-ħtiġijiet tat-tfal b'diżabilità jew li jeħtieġu kura speċjali.

L-indirizzar tal-livell għoli ta' informalità, kondizzjonijiet tax-xogħol ħżiena u nuqqas ta' hiliel fis-settur tal-kura fit-tul (LTC) jibqgħu kwistjonijiet ewlenin biex jiġi żgurat l-aċċess għal kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja. Qed jiġu implimentati miżuri biex jiġu żviluppati servizzi bbażati fil-komunità, jiġu estiżi s-servizzi tal-kura fid-djar, u jinħolqu ċentri ta' kura fit-tul matul il-jum. F'xi każijiet, ġie pprovdut finanzjament addizzjonali għat-taħriġ tal-persunal tal-infermiera u għall-appoġġ ta' dawk li jindukraw b'mod informali biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' persunal.

Ġew innutati wkoll sforzi biex tissaħħaħ il-koordinazzjoni meħtieġa bejn l-amministrazzjonijiet differenti u l-livell differenti ta' governanza, li spiss tintalab biex tespandi s-servizzi tal-ECEC u tal-LTC u ttejjeb il-kwalità tagħhom.

Il-fondi tal-UE, b'mod partikolari l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) u l-Fond Soċjali Ewropew+ (FSE+), intużaw b'mod wiesa' biex jespandu l-forniment tas-servizzi tal-LTC u tal-ECEC, inkluż għall-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-faċilitajiet tal-ECEC u l-ħolqien ta' postijiet għat-tfal. Kunsiderazzjoni mistħoqqa hija essenzjali biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà futura tal-miżuri implimentati.

Għad hemm sfidi biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-indukrar tat-tfal u għall-kura fit-tul għat-tfal spostati u għall-persuni mill-Ukrajna li qed jaħarbu mill-pajjiż wara l-aggressjoni Russa, inkluż fid-dawl tal-integrazzjoni tan-nisa Ukreni fis-suq tax-xogħol.

3.6. Riformi fil-qasam tal-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali

Il-politiki tal-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali jappoġġaw l-iżvilupp individwali, itejbu l-koeżjoni soċjali, irawmu eżiti pożittivi fis-suq tax-xogħol u jstimulaw it-tkabbir ekonomiku. Sistemi ta' protezzjoni soċjali li jiffunzjonaw tajjeb jistgħu jtaffu l-impatt fuq l-individwu u s-soċjetà minn diversi kriżijiet u xokkijiet, kif muri matul il-pandemija tal-COVID-19, jew fil-kuntest attwali ta' inflazzjoni għolja u żieda fil-kost tal-enerġija.

Il-ħidma preċedenti tal-KPS¹⁷ identifikat ċerti dgħufijiet fis-sistemi tal-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali tal-Istati Membri, inkluż f'termini ta' adegwatezza u kopertura ta' diversi benefiċċji, b'mod partikolari għal ħaddiema mhux standard u għal dawk li jaħdmu għal rashom. Is-swieq tax-xogħol li qed jinbidlu, l-iżviluppi teknoloġiċi u t-tibdil demografiku jeħtieġu adattament u titjib kontinwi tas-sistemi Ewropej tal-protezzjoni soċjali.

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-pjan ta' azzjoni tiegħu jipprovdu qafas ta' politika fil-livell tal-UE biex jstimulaw ir-riformi tal-politika. Fost il-bosta inizjattivi tal-pjan ta' azzjoni, ir-*Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom*, u r-*Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2023 dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura inklużjoni attiva*, li jiggwidaw lill-Istati Membri biex itejbu s-sistemi ta' protezzjoni u inklużjoni soċjali tagħhom.

Barra minn hekk, l-appoġġ għall-isforzi nazzjonali ta' riforma huwa disponibbli mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), b'EUR 13.4 biljun allokati għal għotjiet u self marbuta ma' miżuri ta' protezzjoni u inklużjoni soċjali fi tmintax-il Stat Membru¹⁸. Il-Pjanijiet nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) ta' dawn l-Istati Membri jkopru firxa wiesgħa ta' riformi u investimenti biex isaħħu s-sistemi ta' protezzjoni soċjali nazzjonali tagħhom fir-rigward tal-effettività, il-kwalità u r-reżiljenza tagħhom, skont il-ħtiġijiet speċifiċi għall-pajjiż.

¹⁷ Rapport Annwali tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali tal-2021.

¹⁸ L-Awstrija, il-Belġju, iċ-Ċekja, Ċipru, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, l-Iżvezja, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, Spanja.

a. Sejbiet orizzontali mir-rieżamijiet speċifiċi għall-pajjiż

Bħala parti mir-Rieżamijiet tal-Implimentazzjoni Multilaterali annwali tiegħu, f'April 2023 il-KPS irrieżamina l-prestazzjoni ta' disa' Stati Membri b'rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż (CSRs) fil-qasam tal-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali. Ħames CSRs addizzjonali ta' interess komuni ġew rieżaminati f'sessjoni konġunta mal-EMCO f'Mejju. Tmienja mis-CSRs rieżaminati fihom referenzi relatati mal-effettività tas-sistemi nazzjonali ta' protezzjoni soċjali f'termini ta' adegwatezza, immirar u kopertura tal-benefiċċji ta' appoġġ għall-introjt, flimkien mal-aċċess għas-servizzi. Ħames Stati Membri ġew rakkomandati jsaħħu l-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali u/jew affordabbli. Żewġ Stati Membri ħarġu rakkomandazzjonijiet relatati mal-ġoti ta' kura fit-tul u edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal affordabbli u ta' kwalità fil-kuntest tal-appoġġ għall-parteeipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol.

Ir-rieżamijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-KPS żvelaw dan li ġej:

- Għaddejjin xi sforzi kbar għar-riforma tas-**sistemi eżistenti tal-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali**, bl-Istati Membri japplikaw it-tagħlimiet meħuda matul il-kriżi tal-COVID biex ifasslu miżuri aktar permanenti li jistgħu jtejbju l-funzjonament tas-sistemi nazzjonali tagħhom. Dan jinvolti l-forniment integrat ta' diversi benefiċċji fi flus u in natura, flimkien ma' aċċess għal servizzi soċjali ta' kwalità u miżuri li jiżguraw koordinazzjoni effettiva bejn is-servizzi mmirati lejn l-inklużjoni soċjali u l-integrazzjoni (mill-ġdid) fis-suq tax-xogħol. Peress li l-bieċa l-kbira tar-riformi ppreżentati jinsabu f'fażi inizjali, huma meħtieġa monitoraġġ u evalwazzjoni tal-prestazzjoni robusti biex jiġu żgurati r-rilevanza u s-suċċess kontinwi tar-riforma.

- Barra minn hekk, bosta mill-Istati Membri rieżaminati jiffukaw fuq l-indirizzar tal-isfidi tal-faqar permezz ta' titjib fl-adegwatezza u l-kopertura tal-benefiċċji (eż. l-Ungerija, il-Portugall, il-Latvja), pereżempju billi jiżguraw indiċjar adegwat tal-benefiċċji fil-kuntest tar-rati ta' inflazzjoni għoljin attwali (eż. il-Latvja). It-titjib tal-effettività tax-xbieki ta' sikurezza nazzjonali permezz tas-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni huwa qasam ta' fokus għall-Portugall, il-Latvja u l-Finlandja, filwaqt li l-Polonja u l-Ungerija jirrapportaw miżuri mmirati li jkopru gruppi ta' età partikolari jew oqsma ta' provvista ta' benefiċċju u aċċess għas-servizzi.
- Ir-rieżamijiet **relatati mal-akkomodazzjoni** kkonfermaw li l-kostijiet tal-akkomodazzjoni jistgħu jirrappreżentaw sfida serja għall-familji, speċjalment fi bliet akbar u għal familji vulnerabbli. Fil-pajjiżi rieżaminati, hemm rikonoxximent politiku wiesa' ta' dawn l-isfidi u impenn għal azzjoni politika, permezz ta' pjanijiet, riformi u investimenti. L-oqfsa ta' monitoraġġ u l-koordinazzjoni tal-politiki tal-akkomodazzjoni ma' politiki komplementari (eż. appoġġ għall-introjt) u servizzi (eż. it-trasport) huma rikonoxxuti bħala meħtieġa għas-suċċess ta' tali azzjoni.
- L-Istati Membri rieżaminati jirrapportaw dwar diversi miżuri leġiżlattivi u/jew ta' investiment biex tiżdied il-provvista ta' akkomodazzjoni, inkluż ta' akkomodazzjoni soċjali u/jew affordabbli għall-kiri. Madankollu, dawn il-miżuri jeħtieġu nfiq finanzjarju sostanzjali u żminijiet ta' tħejjija, li jistgħu jdewmu l-implimentazzjoni tal-aċċess għal akkomodazzjoni adegwata anke meta jitfasslu l-pjanijiet u l-politiki. Il-perjodu attwali ta' inflazzjoni għolja jista' jkun sfida addizzjonali għall-istrateġiji diġà fis-seħħ.

- Qed isiru wkoll sforzi biex jissaħħu l-qafas leġislattiv u l-kapaċità amministrattiva tad-diversi awtoritajiet involuti fil-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli (Spanja, il-Litwanja). Tingħata wkoll attenzjoni speċifika lill-provvista ta' servizzi għal ħtiġijiet speċifiċi, bħall-akkomodazzjoni għal persuni b'diżabilità, il-politiki dwar l-Akkomodazzjoni l-Ewwel għall-problema ta' persuni mingħajr dar, il-politiki ta' desegregazzjoni u l-prevenzjoni ta' żgumbramenti (l-Ungerija, id-Danimarka).
- Ir-rieżamijiet konġunti tal-EMCO-KPS dwar **l-għoti ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal** fil-kuntest tal-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol urew li huma meħtieġa sforzi addizzjonali biex jespandu l-kapaċità u jtejbu l-affordabbiltà. Jekk dan it-tħassib jiġi indirizzat, il-ġenituri jkunu jistgħu jkollhom aċċess għal impjiegi full-time, kif ukoll jitjieb il-benessri tat-tfal. Barra minn hekk, bi kważi wieħed minn kull erbat itfal f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, ser ikomplu jkunu meħtieġa sforzi mmirati biex jappoġġaw lit-tfal f'riskju u lill-ġenituri tagħhom.

b. Eżitu tad-diskussjoni tematika dwar il-Protezzjoni Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali

Id-diskussjoni tematika tal-KPS f'dan il-qasam ta' politika ffukat fuq ir-rwol tal-benefiċċji u l-provvista ta' servizzi għat-tnaqqis tal-faqar u l-integrazzjoni (mill-ġdid) tas-suq tax-xogħol. Din kienet appoġġata minn preżentazzjoni ta' studju esploratorju: *filling in the knowledge gaps and identifying strengths and challenges in the effectiveness of Member States' minimum income schemes* (nimlew il-lakuni fl-għarfien u nidentifikaw il-punti b'saħħithom u l-isfidi fl-effettività tal-iskemi ta' introjtu minimu tal-Istati Membri). Fid-diskussjoni sussegwenti, id-delegati esploraw kif diversi elementi tat-tfassil tal-politika jistgħu jinteraġixxu u x'inhuma l-fatturi ta' suċċess tat-twassil integrat ta' benefiċċji fi flus u politiki ta' attivazzjoni.

L-iskambju wera li:

- L-Istati Membri jqisu l-politiki soċjali bħala investment u fattur produttiv, peress li r-riformi fil-qasam tal-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali jistgħu jappoġġaw it-tkabbir ekonomiku u jippromwovu l-impjiegi.
- Il-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali għadha għaddejja f'ħafna Stati Membri f'konformità mal-prinċipji ta' inklużjoni attiva, inkluż enfasi fuq appoġġ adegwat għall-introjt, appoġġ għall-integrazzjoni soċjali u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, flimkien mal-forniment ta' servizzi affordabbli u ta' kwalità. Biex jirnexxu, tali riformi għandhom iqisu l-firxa sħiħa ta' benefiċċji u servizzi soċjali li jappoġġaw lill-individwi matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom u jqisu l-interazzjoni bejn id-diversi elementi ta' appoġġ għall-introjt. Dan l-approċċ integrat għandu jnaqqas id-dipendenza fuq il-benefiċċji u l-vulnerabbiltà tal-benefiċjarji, filwaqt li jipprovdi riżorsi finanzjarji adegwati biex jiġi indirizzat il-faqar u jiġu appoġġati l-familji b'introjt baxx u l-individwi f'sitwazzjoni vulnerabbli.
- L-iskemi tal-introjt minimu huma komponent importanti tas-sistemi nazzjonali tal-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali. Fi kważi l-pajjiżi Ewropej kollha, dawn mhumieq biżżejjed biex iżommu lin-nies 'il fuq mil-limitu tal-faqar. Filwaqt li firxa wiesgħa ta' benefiċċji komplementari fi flus kontanti u in natura jistgħu jipprovdu appoġġ addizzjonali, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet dawk huma soġġetti għal proċeduri addizzjonali ta' ttestjar u talba tal-mezzi. Is-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tal-ġoti tal-benefiċċji għandhom itejbu l-adegwatezza tal-iskemi tal-protezzjoni tal-introjt. Ġew enfasizzati l-indiċjar regolari u l-mekkaniżmi ta' aġġustament awtomatiku tal-appoġġ għall-introjt fir-rigward tal-kuntest attwali ta' inflazzjoni għolja.

- Li jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn l-iżgurar tal-adegwatezza tal-benefiċċji soċjali u l-ħolqien ta' inċentivi għax-xogħol jibqa' kwistjoni importanti għall-Istati Membri. Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, il-programmi ta' assistenza soċjali huma mfassla biex jorbtu l-għoti tal-benefiċċji mal-miżuri ta' attivazzjoni. Biex jiffaċilitaw il-bidu tax-xogħol jew iżidu l-intensità tax-xogħol, xi pajjiżi japplikaw inċentivi finanzjarji permezz tal-eliminazzjoni gradwali temporanja tal-benefiċċji (mekkaniżmu ta' tnaqqis gradwali) meta individwi jidħlu fis-suq tax-xogħol jew jipparteċipaw fi programmi ta' taħriġ jew ta' xogħol pubbliku. Minbarra l-inċentivi finanzjarji, hemm disponibbli miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol, inkluż programmi ta' taħriġ u titjib tal-ħiliet, sussidji tal-pagi u skemi temporanji ta' xogħol pubbliku jew komunitarju biex jgħinu lill-individwi għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol. Madankollu, il-parteeċipazzjoni tar-riċevituri tal-introjt minimu fil-miżuri tal-ALMP mhux dejjem tkun garantita u/jew limitata għall-parteeċipazzjoni fix-xogħol pubbliku.
- Ġew enfasizzati l-kwistjoni tan-nuqqas ta' teħid tal-benefiċċji u l-ħtieġa li jiġu esplorati l-ostakli u li jiġu evalwati b'mod regolari l-iskemi eżistenti għat-tfassil ta' politiki effettivi. Aktar simplifikazzjoni u trasparenza mtejba tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali, appoġġati mit-teknoloġiji diġitali ġew identifikati bħala postijiet biex jiġu indirizzati l-ostakli u jittejbu l-benefiċċji u t-twassil tas-servizzi.
- L-isforzi biex jittejbu l-kopertura u l-adegwatezza tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali għandhom jiġu kkomplementati b'riflessjonijiet dwar kif jiġu ffinanzjati dawk is-sistemi, peress li t-tħassib dwar l-adegwatezza u s-sostenibbiltà għandu jiġi indirizzat b'mod komprensiv. Filwaqt li l-bilanċ bejn id-diversi sorsi ta' finanzjament huwa speċifiku għal kull Stat Membru, għandhom jitkomplew ir-riflessjonijiet dwar sorsi ġodda u alternattivi ta' finanzjament.
- Fl-aħħar nett, it-tagħlim bejn il-pari u l-iskambji tal-aħjar prattiki u l-approċċi innovattivi ġew identifikati bħala għodod effettivi ħafna, li jiffaċilitaw fehim kondiviż tal-isfidi interrelatati u jappoġġaw l-isforzi ta' riforma tal-Istati Membri.

3.7. Ir-riformi fil-qasam tal-pensjonijiet

Is-sistemi tal-pensjonijiet nazzjonali ilhom qasam ta' prijorità għar-riformi strutturali sa mill-bidu nett tas-Semestru Ewropew. Quddiem il-prospetti ta' popolazzjoni li qed tixjieħ, l-għadd dejjem jonqos ta' Ewropej fl-età tax-xogħol, u swieq tax-xogħol li qed jevolvu, l-Istati Membri qed jaħdmu fuq firxa ta' riformi, immirati biex irażżnu n-nefqa tal-pensjonijiet, filwaqt li jżommu l-ġustizzja u l-ekwità interġenerazzjonali tas-sistemi tal-pensjonijiet tagħhom. L-isforzi biex tiġi salvagwardjata l-adegwatezza tal-pensjonijiet, b'mod partikolari, kienu qed jiksbu prominenza f'dawn l-aħħar snin, kif ġie osservat fir-Rapport tal-2021 dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet tal-KPS u l-Kummissjoni Ewropea, u kkonfermat ukoll fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2022.

L-appoġġ għall-miżuri nazzjonali ta' riforma tal-pensjonijiet huwa disponibbli mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF). Il-Pjanijiet nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) jinkludu miżuri ta' riforma dwar il-pensjonijiet jew il-benefiċċji minimi tax-xjuħija għal erbatax-il Stat Membru¹⁹.

a. Sejbiet orizzontali mir-rieżamijiet speċifiċi għall-pajjiż

F'dan il-kuntest, fi Frar 2023, il-KPS irreveda l-progress li sar minn tmien Stati Membri fil-qasam tal-pensjonijiet, bħala rispons għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSR) maħruġa lilhom fl-2022. Il-maġġoranza ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet kienu ffukati fuq kwistjonijiet ta' sostenibbiltà fiskali, b'elementi relatati mal-adegwatezza, il-ġustizzja u l-ugwaljanza preżenti għal tlieta mill-pajjiżi rieżaminati, u referenzi għall-ħtieġa ta' riforma ġenerali tas-sistema tal-pensjonijiet, preżenti fi tnejn. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rieżaminati rċevew CSRs ifformulati b'mod simili f'ċikli passati tas-Semestru Ewropew, li jfisser li l-isfidi osservati huma ta' natura strutturali u fit-tul.

¹⁹ L-Awstrija, il-Belġju, il-Ġermanja, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja u l-Iżvezja.

Id-diskussjonijiet fil-KPS urew li l-Istati Membri rieżaminati jirrikonoxxu l-isfidi identifikati u qed jieħdu passi biex jindirizzawhom. Ġiet irrapportata firxa wiesgħa ta' miżuri:

- Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rieżaminati, jittieħdu azzjonijiet speċifiċi biex tiġi studjata l-kwistjoni u biex jitħejja rispons ta' politika. Tali azzjonijiet jinkludu rappurtar perijodiku speċifiku dwar il-funzjonament tas-sistema tal-pensjonijiet u l-istabbiliment ta' kummissjonijiet iddedikati biex jittrattaw ir-riformi tal-pensjonijiet (pereżempju ċ-Ċekja, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Lussemburgu u l-Ungerija).
- L-Istati Membri jirrikonoxxu li t-trawwim ta' parteċipazzjoni akbar fis-suq tax-xogħol b'mod ġenerali jew l-appoġġ speċifiku għall-impjieg ta' ħaddiema akbar fl-età jista' jtejjeb is-sostenibbiltà fiskali tas-sistema tal-pensjonijiet. Filwaqt li fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rieżaminati (minbarra Franza) ma huma ppjanati l-ebda azzjonijiet ulterjuri biex tiżdied l-età statutorja tal-irtirar, qed jiġu introdotti miżuri - bħal pereżempju t-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet soċjali, il-kofinanzjament, ir-referenzi għal impjieg, it-taħriġ jew il-gwida għall-karriera - biex tiżdied l-età effettiva tal-irtirar u jithegġegħ l-irtirar differit (iċ-Ċekja, l-Irlanda, il-Polonja).
- Fi sforz biex jindirizzaw l-isfidi tas-sostenibbiltà tagħhom, diversi Stati Membri qed jieħdu passi biex iżidu l-introjtu tas-sistema tal-assigurazzjoni tal-pensjonijiet billi jżidu r-rata tal-kontribuzzjoni u/jew iwessgħu l-bażi tal-finanzjament (il-Ġermanja, l-Irlanda). F'xi wħud mill-Istati Membri rieżaminati, ġew stabbiliti fondi ddedikati biex jgħinu jindirizzaw id-defiċit tal-assigurazzjoni tal-pensjoni (pereżempju l-Lussemburgu).
- Saru wkoll sforzi biex tinżamm jew titjieb il-ġustizzja tas-sistemi tal-pensjonijiet f'xi wħud mill-Istati Membri rieżaminati. Qed jittieħdu passi għall-introduzzjoni ta' riforma ambizzjuża u globali fi Franza u qed jiġi esplorat żvilupp ulterjuri tal-pensjonijiet okkupazzjonali u personali fil-Ġermanja u fin-Netherlands.

Il-KPS laqa' l-miżuri rrappurtati u jqis b'mod pożittiv l-isforzi li saru mill-Istati Membri. Fl-istess ħin, id-diskussjonijiet fil-Kumitat urew li ser tkun meħtieġa aktar azzjoni biex jiġu indirizzati bis-sħiħ ir-rekwiżiti tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, peress li f'ħafna każijiet il-miżuri rrappurtati għad iridu jiġu implimentati, filwaqt li f'oħrajn il-proċess leġiżlattiv jinsab fi stadju bikri.

b. Eżitu tad-diskussjoni tematika fil-qasam tal-pensjonijiet

Minbarra r-rieżamijiet speċifiċi għall-pajjiż, il-KPS daħal ukoll f'diskussjoni orizzontali, iffukata fuq *il-miżuri meħuda mill-Istati Membri kollha biex jipproteġu l-istandards tal-għajxien tal-popolazzjoni rtirata fil-kuntest ta' inflazzjoni għolja u żieda fl-ispiża tal-enerġija*. L-eżitu ta' din id-diskussjoni huwa rrappurtat hawn taħt.

Fl-2022, ir-rata annwali tal-inflazzjoni fl-Ewropa laħqet livell rekord għoli ta' 9.2 %, jew madwar 3 darbiet ogħla meta mqabbla mal-2021. Il-prezzijiet tal-enerġija, li żdiedu drastikament wara l-invażjoni tar-Russja fl-Ukrajna, huma fost l-ixpruni ewlenin tal-inflazzjoni li qed tiżdied ħafna, bil-prezzijiet tal-konsumatur għad-djar, l-ilma, il-gass u l-elettriku, jiżdiedu bi 18 % f'sena waħda²⁰.

²⁰ Eurostat, sett ta' data tas-sors *prc hicp aind*, misjub fit-22.05.2023.

Għalkemm il-livelli tal-prezzijiet dejjem jogħlew jolqtu lill-unitajiet domestiċi (vulnerabbli) kollha, jista' jkun li jgħibu magħhom sfidi speċifiċi għall-popolazzjoni rtirata. Meta mqabbla mal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol, is-saħħa tal-pensjonanti b'mod ġenerali hija aktar fraġli. Għandhom ukoll anqas kontroll u flessibbiltà biex jaġġustaw għaċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu, billi mhux faċli għalihom li jibdlu x-xejriet ta' konsum tagħhom, jew li jagħmlu xogħol addizzjonali biex jissupplimentaw id-dħul tagħhom. L-indiċjar tal-pensjonijiet - sors ewlieni ta' aġġustament tal-introjtu - normalment iseħħ b'xi dewmien (tipikament darba fis-sena) u fil-biċċa l-kbira tal-każijiet flivell aktar baxx mit-tkabbir fil-pagi. Barra minn hekk, il-punt sa fejn il-korrezzjoni tal-inflazzjoni taffettwa l-pensjonijiet jista' jiddependi wkoll fuq it-tfassil ġenerali tas-sistema tal-pensjonijiet. Persuni mhux miżżewġa akbar fl-età u dawk f'riskju ta' faqar huma wkoll partikolarment milquta miż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija, u jħabbtu wiċċhom ma' riskju komparattivament ogħla ta' faqar enerġetiku.

F'dan il-kuntest, id-diskussjoni tematika fil-KPS iffokat fuq miżuri, meħuda mill-Istati Membri biex jipproteġu l-istandards tal-għajxien tal-popolazzjoni rtirata. L-iskambju kkonferma dan li ġej:

- Il-gvernijiet madwar l-UE bdew jintervjenu b'miżuri ta' politika biex itaffu l-impatt taż-żieda fil-prezzijiet tal-komoditajiet u tal-enerġija diġà fl-2021, iżda s-sitwazzjoni wara l-invażjoni tar-Russja fl-Ukrajna talbet tisħiħ ulterjuri għar-rispons tagħhom.
- Xprunati mill-bżonn li jagħtu rispons f'waqtu, il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi inizjalment għażlu azzjonijiet li jipprovdu appoġġ lill-popolazzjoni ġenerali, iżda ġew stabbiliti wkoll xi miżuri soġġetti għal test tal-mezzi, jew miżuri mmirati lejn gruppi vulnerabbli speċifiċi. Dan tal-aħħar jitqies bħala żvilupp pożittiv, peress li appoġġ mhux immirat iqajjem tħassib fiskali sinifikanti; jirriskja li jipprovdi assistenza insuffiċjenti lil dawk li l-aktar għandhom bżonnha; u jista' jwassal għal aktar pressjonijiet inflazzjonarji.

- Il-miżuri mhux immirati, irrappurtati mill-Istati Membri huma fil-biċċa l-kbira ta' natura temporanja, iżda xi wħud ħadu passi biex iżidu d-dħul permezz ta' żieda fil-livell tal-benefiċċji (inkluż pensjoni mhux kontributorja, pereżempju Spanja) jew l-espansjoni tal-eliġibbiltà tagħhom. Għadd kbir ta' pajjiżi introduċew pagamenti jew biex iżidu d-dħul b'mod ġenerali, jew biex ikopru l-kontijiet tal-enerġija direttament. Ħafna introduċew sussidji, skont il-livelli tal-konsum għall-elettriku, il-gass jew it-tisħin b'mod ġenerali għall-istaġun tax-xitwa. Xi Stati Membri introduċew limiti fuq il-prezzijiet jew naqqsu l-VAT għall-enerġija.
- Fir-rigward tal-popolazzjoni rtirata b'mod partikolari, l-aġġustament tal-mekkaniżmi eżistenti tal-indiċjar tal-pensjonijiet kellu sehem ewlieni fir-rispons politiku tal-Istati Membri. Mekkaniżmi bħal dawn jeżistu madwar l-UE; huma jippermettu li l-pensjonijiet jiżdiedu skont iż-żieda fil-prezzijiet, il-pagi, jew taħlita tat-tnejn. Fil-maġġoranza l-kbira tal-każijiet, il-pensjonijiet jiġu indiċjati darba fis-sena. F'xi pajjiżi, jixkatta aġġornament straordinarju jew mekkaniżmu ta' indiċjar aktar favorevoli f'każ li l-inflazzjoni jew it-tkabbir fil-pagi jaqbżu ċertu limitu (pereżempju ċ-Ċekja, il-Lussemburgu), jew jiżdied suppliment jekk it-tkabbir tal-PDG jaqbeż ċertu livell (l-Ungerija). Is-severità u l-iżvilupp rapidu tal-kriżi attwali tal-ġholi tal-ħajja wasslu biex f'għadd ta' Stati Membri jissaħħu l-miżuri tal-indiċjar jew isir progress fihom, xi drabi b'effett retroattiv (pereżempju l-Finlandja, l-Ungerija, l-Italja, il-Litwanja, il-Latvja, Malta, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja). Fil-perjodu attwali ta' tkabbir straordinarju tal-inflazzjoni, ikkaratterizzat ukoll minn tnaqqis fil-pagi reali, l-indiċjar tal-prezzijiet jista' jkun aktar favorevoli għall-pensjonanti, meta mqabbel mal-indiċjar tal-pagi, madankollu dan iġib miegħu spiża finanzjarja sinifikanti, u għalhekk il-punt sa fejn dan jista' jiġi sostnut jiddependi fuq l-ispazju fiskali u l-preferenzi nazzjonali eżistenti.

- Għadd ta' Stati Membri introduċew miżuri addizzjonali, jew immiraw uħud mill-miżuri ġenerali tagħhom lejn pensjonanti b'introjtu baxx. Tali azzjonijiet jinkludu pagamenti jew introjtu soġġetti għal test tal-mezzi (fil-Kroazja, il-Polonja, id-Danimarka); supplimenti għall-pensjonijiet l-aktar baxxi (Ċipru); l-introduzzjoni (mill-ġdid) ta' pensjoni tat-13-il xahar (fil-Polonja u fl-Ungerija) u l-14-il pensjoni soġġetta għal test tal-mezzi (fil-Polonja); l-introduzzjoni jew iż-żieda ta' allowances eżistenti għall-akkomodazzjoni u/jew suppliment għat-tisħin (fiċ-Ċekja, fil-Finlandja, fl-Iżvezja, fl-Irlanda u fis-Slovenja).

Fl-aħħar nett, id-diskussjoni kkonfermat li minħabba s-severità u l-kontinwazzjoni antiċipata tal-kriżi tal-ġholi tal-ħajja, hemm lok għal aktar skambji dwar il-firxa ta' miżuri ta' appoġġ, ippjanati jew implimentati mill-Istati Membri fil-kuntest tal-attivitajiet ta' taġlim reċiproku tal-KPS.

3.8. Ir-riformi fil-qasam tal-kura tas-saħħa

Saħħa tajba ttejjeb il-benesseri tan-nies u hija prerekwiżit meħtieġ għal tkabbir ekonomiku u soċjali sostenibbli fit-tul. Il-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat il-limitazzjonijiet eżistenti tas-sistemi tas-saħħa Ewropej, u saħħet il-ħtieġa li jittejjbu l-funzjonament u t-tħejjija tagħhom għal avvenimenti ta' kriżi futuri possibbli. B'rispons għal dan, għadd ta' Stati Membri bdew riformi biex irawmu sistemi tas-saħħa aktar reżiljenti, anke waqt li l-pandemija kienet għadha qed tiżvolġi fl-2021 u fl-2022.

L-isforzi ta' riforma li għaddejjin tal-Istati Membri jinkludu miżuri biex jiġu indirizzati l-isfidi relatati mal-pandemija (bħall-aġġornament tal-faċilitajiet tas-saħħa u t-titjib tal-kapaċitajiet tas-saħħa pubblika), iżda wkoll miżuri biex jiġu indirizzati aktar sfidi strutturali relatati mal-aċċess għall-kura tas-saħħa u n-nuqqas ta' forza tax-xogħol. Fl-2020 ġiet irreġistrata żieda sinifikanti ħafna fl-infiq fuq il-kura preventiva (26 %), għalkemm il-punt ta' tluq tagħha kien sehem baġitarju b'linja bażi baxxa (taħt it-3 % tal-infiq totali għall-kura tas-saħħa fl-2019) u fil-biċċa l-kbira kien xprunat mill-miżuri ta' rispons għall-kriżi tal-COVID-19.

Appoġġ sinifikanti għall-isforzi ta' riforma nazzjonali huwa disponibbli mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF). Għal dak l-għan, il-Pjanijiet Nazzjonali ta' Riforma u Reżiljenza (RRPs) tas-27 Stat Membru kollha jinkludu investimenti ddedikati għar-riformi tal-kura tas-saħħa, li jlaħħqu ammont totali ta' aktar minn EUR 43 biljun.

a. Sejbiet orizzontali mir-rieżamijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar il-kura tas-saħħa

FI-2022, inħarġet Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż relatata mal-kura tas-saħħa lil tmien Stati Membri. Ir-rakkomandazzjonijiet huma multidimensjonali u jkopru medda ta' kwistjonijiet: erba' CSRs jindirizzaw l-isfidi għar-riforma fil-kura primarja (il-Greċja, il-Polonja, l-Ungerija, il-Litwanja) kif ukoll fil-kura preventiva (l-Ungerija, il-Litwanja) u l-adozzjoni tas-saħħa elettronika (il-Polonja). Tnejn jenfasizzaw it-tfassil dwar l-adegwatezza u l-ugwaljanza (il-Greċja, il-Latvja), CSR waħda tiffoka fuq in-nuqqas ta' ħaddiema (in-Netherlands), waħda fuq l-integrazzjoni tas-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali (l-Estonja), u waħda fuq is-sostenibbiltà fiskali (is-Slovenja). Peress li tlieta mir-rakkomandazzjonijiet fihom referenzi għal oqsma ta' politika oħra relatati (il-kura fit-tul għall-Estonja u s-Slovenja, u l-protezzjoni soċjali għal-Latvja), dawn ġew irrieżaminati mill-Kumitat bħala parti mis-sessjonijiet iddedikati dwar il-kura fit-tul u dwar il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali.

Ir-rieżamijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar il-kura tas-saħħa wrew li:

- l-Istati Membri jagħrfu n-natura multidimensjonali tal-isfidi għas-sistema tal-kura tas-saħħa tagħhom u jirrikonoxxu l-ħtieġa għal approċċ olistiku. Ġiet rikonoxxuta l-importanza ta' xbieki ta' sikurezza b'saħħithom biex jiġi pprovdut aċċess għall-kura tas-saħħa għal dawk l-aktar vulnerabbli, kif ukoll il-ħtieġa strateġika għal koordinazzjoni effiċjenti bejn is-sistemi soċjali u dawk tal-kura tas-saħħa, u bejn il-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali.

- Il-pajjiżi rieżaminati qed jiffukaw ħafna mill-isforzi tagħhom fuq il-prevenzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa (l-Ungerija, il-Litwanja, il-Polonja), kif ukoll fuq it-titjib tal-governanza tas-sistema tal-kura tas-saħħa u l-ġoti tal-kura primarja (l-Ungerija, il-Greċja, il-Litwanja). L-introduzzjoni tat-telemediċina u soluzzjonijiet diġitali oħra għadha għaddejja wkoll (il-Litwanja, il-Polonja). Sforzi bħal dawn mhux biss jistgħu jtejb u l-aċċessibbiltà tal-kura u jippromwovu eżiti tas-saħħa aħjar għall-popolazzjoni, iżda wkoll itaffu l-ħtieġa għal persunal mediku speċjalizzat u kura fl-isptar li hija għalja. Fil-każ tat-telemediċina, hemm bżonn li tibqa' tingħata attenzjoni lid-distakk diġitali marbut mal-ħiliet diġitali limitati u kwistjonijiet tal-aċċess għall-IT, b'mod partikolari fost l-utenti akbar fl-età, jew dawk li ġejjin minn kurrent vulnerabbli. Jista' jkun meħtieġ li l-forniment diġitali u fiżiku mħallat tas-servizzi tas-saħħa jinżamm biex jiġi promoss l-aċċess għal kura tas-saħħa ta' kwalità għal kulħadd.
- It-tixjiħ tal-popolazzjoni u d-domanda dejjem akbar għal servizzi tal-kura tas-saħħa ta' kwalità qed jeżerċitaw pressjoni addizzjonali fuq in-nuqqasijiet diġà eżistenti u d-disparitajiet reġjonali fid-disponibbiltà tal-forza tax-xogħol tas-saħħa. Il-bieċa l-kbira tal-Istati Membri rieżaminati (l-Ungerija, il-Greċja, il-Litwanja) qed jieħdu passi biex jagħmlu l-professjoni medika aktar attraenti billi jtejb u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, iżidu r-remunerazzjoni, jew jipprovdu inċentivi mhux finanzjarji, bħal opportunitajiet ta' taħriġ biex jattiraw persunal mediku addizzjonali u jkunu f'pożizzjoni aħjar li jżommu l-persunal attwali. In-Netherlands jirrikonoxxu li żieda sostanzjali ulterjuri fl-għadd ta' ħaddiema mediċi tista' ma tkunx fiskalment sostenibbli fit-tul u qed jiffukaw l-attenzjoni tagħhom fuq iż-żieda fil-produttività tal-forza tax-xogħol, inkluż billi jfittxu effiċjenzi organizzazzjonali u jużaw it-teknoloġija. L-orjentazzjoni mill-ġdid tas-servizzi mogħtija mill-isptarijiet lejn il-kura primarja, kif ukoll il-promozzjoni tas-saħħa aktar effettiva u l-istrateġiji għall-prevenzjoni tal-mard komplew jiġu rikonoxxuti bħala ta' importanza kbira biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-forza tax-xogħol b'mod sostenibbli.

- Sett kbir ta' riformi u investimenti rrapportati, b'potenzjal li jindirizzaw l-isfidi pendenti, jinsabu fi stadji bikrija ta' implimentazzjoni. L-impatt ta' dawk ir-riformi huwa mistenni li jimmaterjalizza fil-perjodi li ġejjin, għalhekk ser ikunu meħtieġa monitoraġġ u evalwazzjoni kontinwi, anke bil-ħsieb li jiġu introdotti aktar aġġustamenti, kif meħtieġ.

b. Eżitu tad-diskussjoni tematika fil-qasam tal-kura tas-saħħa

Bħala parti mill-ħidma tiegħu relatata mas-Semestru, il-KPS daħal ukoll f'diskussjoni orizzontali, iffukata fuq *il-karatteristiċi ewlenin tar-riformi reċenti u attwali fl-aċċess għall-kura tas-saħħa mentali, b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni u l-forniment ta' servizzi tal-kura tas-saħħa mentali tal-komunità, id-disponibbiltà ta' persunal imħarreġ u l-finanzjament*. Id-diskussjonijiet ingħataw qafas minn xenarji orizzontali mogħtija mill-Kummissjoni u mill-Osservatorju Ewropew għas-Saħħa, kif ukoll minn preżentazzjoni ta' studju tal-każ mill-Portugall.

L-iskambju wera ċar li:

- l-Istati Membri jirrikonoxxu li l-kwistjonijiet tas-saħħa mentali għandhom impatt soċjali sinifikanti. Is-saħħa mentali ħażina tħalli impatt negattiv fuq il-benesseri ġenerali u l-kwalità tal-ħajja tal-individwi. Tista' twassal għal problemi ta' saħħa fiżika u jista' jkollha impatt negattiv fuq l-interazzjonijiet soċjali, il-prestazzjoni edukattiva u x-xogħol. Barra minn hekk, il-mard mentali jista' jkollu spiża ekonomika sinifikanti, assoċjata mat-telf tal-produttività, dipendenza akbar fuq programmi ta' assistenza soċjali, kif ukoll interventi tal-kura tas-saħħa għalja.
- Fil-biċċa l-kbira tiegħu, il-mard tas-saħħa mentali jitqies evitabbli. Ħafna mill-fatturi ta' riskju li jwasslu għalih - bħall-faqar, id-dejn, il-qgħad, l-istil ta' ħajja mhux tajjeb għas-saħħa jew l-aċċess għall-akkomodazzjoni - mhumie x fl-ambitu tas-sistema tas-saħħa, li jimplika l-ħtieġa għal approċċ integrat u transsettorjali għal kwistjonijiet tas-saħħa mentali.

- Il-pandemija tal-COVID-19 wasslet għal deterjorament bla preċedent tas-saħħa mentali tal-popolazzjoni. It-tbeġħid fiżiku u restrizzjonijiet oħra, introdotti mill-Istati Membri biex jipprevjenu l-imxija tal-virus, wasslu għal opportunitajiet imnaqqsa għall-interazzjoni soċjali, li żiedu s-sentiment ta' solitudni u iżolament fost ħafna²¹. L-imprevedibbiltà ġenerali tal-pandemija u ż-żieda fl-instabbiltà ekonomika u l-insigurtà finanzjarja xprunati minnha, wasslu għal żieda fl-għadd ta' individwi li rrapportaw diffikultà psikoloġika u sintomi ta' dipressjoni u ansjetà²². Fl-istess ħin, il-pandemija fixklet l-aċċessibbiltà tal-appoġġ għas-saħħa mentali u aggravat in-nuqqasijiet eżistenti tal-forza tax-xogħol, u dan wassal għal ħinijiet twal ta' stennija, xogħol li waqa' lura u żieda fil-ħtieġa mhux issodisfata għall-kura tas-saħħa madwar l-Ewropa kollha. Parzjalment, l-adozzjoni aċċellerata tal-għodod tat-telemediċina bħala strateġija ta' mitigazzjoni diretta b'rispons għall-pandemija għenet biex jittaffa xi ftit mill-piż, inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-kura tas-saħħa mentali.
- L-Istati Membri tal-UE ilhom jieħdu passi biex itejbu l-aċċess għall-kura u l-appoġġ minn qabel il-bidu tal-pandemija tal-COVID-19, għalkemm ħafna miżuri implimentati jew ippjanati bħalissa jittieħdu bħala parti mill-Pjanijiet nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Diversi Stati Membri bdew riformi transsettorjali fit-tul u qed jieħdu passi biex jintegraw is-servizzi tas-saħħa mentali fil-kura primarja, fi sforz biex itejbu l-aċċessibbiltà u l-effiċjenza. Qed isiru wkoll sforzi kontinwi biex il-kura tas-saħħa mentali tgħaddi minn ambjenti istituzzjonali għal kura bbażata fil-komunità, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' timijiet tas-saħħa mentali tal-komunità u servizzi ta' intervent f'każ ta' kriżi.

²¹ Eurofound, Nivakoski, S., Ahrendt, D., Mascherini, M., et al., *Living, working and COVID-19 (Update April 2021) : mental health and trust decline across EU as pandemic enters another year*, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2021.

²² Eurofound, Fifth round of the Living, working and COVID-19 e-survey: Living in a new era of uncertainty, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

- Ittieħdu għadd ta' passi addizzjonali matul il-pandemija. Ħafna Stati Membri ffukaw fuq l-awtokura u fuq it-tiġib tal-litteriżmu dwar is-saħħa mentali billi żviluppaw portali ġodda ta' informazzjoni u/jew billi stabbilew linji ta' telefoniċi li joffru appoġġ u parir dwar miżuri ta' adattament jew immirati lejn il-prevenzjoni tas-suwiċidju. Saru sforzi addizzjonali biex tiġi estiża l-kopertura billi nbidlu r-regoli tar-rimborż u żdied ukoll id-dritt għas-servizzi tas-saħħa mentali. It-taħriġ ta' persunal mediku addizzjonali ġie intensifikat b'xi pajjiżi joffru taħriġ għal ħiliet psikoloġiċi bażiċi għall-ħaddiema tas-saħħa. Barra mis-sistema medika, l-azzjonijiet meħuda fil-livell tal-UE u dak nazzjonali għall-protezzjoni tal-impjiegi u d-dħul, u l-għajjuna għat-tranżizzjoni lejn ix-xogħol mid-dar għenu fl-appoġġ kemm tad-dħul kif ukoll tas-saħħa mentali tal-popolazzjoni li taħdem.
- Għall-ġejjieni, l-Istati Membri jirrikonoxxu l-ħtieġa għal aktar sforzi biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet tas-saħħa mentali, kif ukoll il-ħtieġa għal data aħjar u monitoraġġ imsaħħaħ dwar l-impatt tal-miżuri ta' politika introdotti. Ir-rilevanza tal-prevenzjoni u l-intervent bikri fl-indirizzar ta' kwistjonijiet ta' saħħa mentali hija rikonoxxuta b'mod wiesa', b'għadd ta' Stati Membri li jimplimentaw kampanji ta' sensibilizzazzjoni pubblika u programmi ta' intervent bikri biex jidentifikaw u jittrattaw il-kundizzjonijiet tas-saħħa mentali kmieni. Fi sforz biex jittejjbu l-kompetenzi emozzjonali u soċjali tat-tfal u jitrawwem sens ġenerali ta' benesseri psikoloġiku f'età bikrija, xi Stati Membri qed jintroduċu miżuri għall-promozzjoni tas-saħħa mentali fl-iskejjel. L-importanza li jiġu involuti diversi partijiet ikkonċernati, bħall-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili, iżda wkoll il-pazjenti u l-familji tagħhom, fl-iżvilupp ta' politiki u servizzi tas-saħħa mentali hija rikonoxxuta wkoll. Tali involviment jista' jgħin biex jiġi żgurat li daww il-politiki u s-servizzi jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-individwi b'kundizzjonijiet ta' saħħa mentali.

- In-nuqqas ta' forza tax-xogħol ġie identifikat bħala wieħed mill-impedimenti ewlenin fl-għoti ta' kura mentali ta' kwalità għolja u effettiva u ta' appoġġ lil dawk li jeħtiġuh. L-indirizzar ta' dawn in-nuqqasijiet ser jirrikjedi approċċ komprensiv, inkluż sforzi biex tiżdied l-attrazzjoni tal-professjoni, aktar opportunitajiet ta' taħriġ, u sforzi biex tiżdied it-taħlita tal-ħiliet, inkluż permezz ta' taħriġ psikoloġiku bażiku lill-ħaddiema fil-qasam soċjali u tas-saħħa. L-iżvilupp tat-telesaħħa u mudelli innovattivi oħra ta' kura jistgħu jgħinu wkoll biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' forza tax-xogħol.

3.9. Riformi fil-qasam tal-kura fit-tul

Kif enfasizzat fit-2021 Long-term Care Report (Rapport tal-2021 dwar il-Kura fit-Tul) tal-SPC u l-Kummissjoni Ewropea²³ u fl-Istrateġija Ewropea għall-Kura, it-tixjiħ tal-popolazzjonijiet Ewropej huwa mistenni li jwassal għal żieda qawwija fid-domanda għal servizzi tas-saħħa u tal-kura fit-tul (LTC) affordabbli ta' kwalità tajba, fi żmien meta inqas persuni fl-età tax-xogħol ser ikunu disponibbli biex jipprovdu jew jiffinanzjaw tali servizzi.

Il-pandemija tal-COVID-19 kixfet dgħufijiet sistemiċi eżistenti fis-sistemi nazzjonali tal-kura. Ir-rati għoljin ta' mortalità fil-faċilitajiet tal-kura fit-tul, id-diffikultajiet fl-iżgurar tal-kontinwità tal-kura u l-impatt negattiv ġenerali fuq il-benesseri tal-anzjani u tal-persuni li jindukraw enfasizzaw il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi strutturali u li tittejjeb ir-reżiljenza tas-sistemi tal-kura fit-tul. Dan jirrikjedi bbilanċjar bir-reqqa tal-kunsiderazzjonijiet tal-adegwatezza u tas-sostenibbiltà, meta jitqies li l-kura fit-tul hija mbassra li tkun waħda mill-entrati tan-nefqa soċjali li qed tiżdied bl-aktar rata mgħaġġla.

²³ 2021 Long-term Care Report.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għal kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja²⁴ tal-2022 tistabbilixxi l-qafas għal riformi u investimenti futuri, filwaqt li l-finanzjament tal-UE, b'mod partikolari l-FSE+ u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), jipprovdi opportunitajiet ta' finanzjament. L-Istati Membri qed jagħmlu użu estensiv minn dawn l-opportunitajiet, bil-Pjanijiet nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) ta' tmintax-il pajjiż²⁵ inkluż miżuri ta' riforma dwar il-kura fit-tul, li jilhqqu ammont totali ta' EUR 7.3 biljun. Il-progress fl-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni ser jiġi mmonitorjat fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u l-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni Soċjali.

a. Sejbiet orizzontali mir-rieżamijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar il-kura fit-tul

Bħala parti mill-ħidma tiegħu taħt is-Semestru Ewropew, f'Marzu 2022, il-KPS irrieżamina l-prestazzjoni ta' erba' pajjiżi (l-Awstrija, il-Belġju, l-Estonja u s-Slovenja) b'rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fil-qasam tal-kura fit-tul. Filwaqt li t-tħassib dwar is-sostenibbiltà fiskali jidher b'mod prominenti fl-erba' CSRs kollha, il-kamp ta' applikazzjoni tal-politika tar-rakkomandazzjonijiet maħruġa jinkludi wkoll id-dimensjonijiet tal-adegwatezza, id-disponibbiltà tad-diversi ambjenti tal-kura, l-affordabbiltà, il-kwalità, kif ukoll l-integrazzjoni tal-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul. Il-ħames CSR, maħruġa lill-Polonja tiffoka fuq l-għoti ta' kura fit-tul fil-kuntest tal-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u ġiet riveduta b'mod konġunt mal-Kumitat tal-Impjiegi.

²⁴ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja.

²⁵ L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, Ċipru, l-Estonja, Franza, l-Italja, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja.

Ir-rieżamijiet speċifiċi għall-pajjiż urew li:

- Dawk l-Istati Membri kollha li ġew rieżaminati qed jieħdu passi biex itejbu l-provvista ta' kura fit-tul adegwata u fiskalment sostenibbli ta' kwalità tajba, f'kuntest ta' popolazzjoni li qed tixjieħ. Peress li ħafna mill-miżuri rrappurtati għad iridu jiġu implimentati, jew ilhom fis-seħħ għal żmien qasir ħafna, l-effettività u l-impatt fiskali tagħhom għandhom ikomplu jiġu vvalutati. Barra minn hekk, ħafna mill-miżuri rrappurtati għandhom l-għan li jindirizzaw sfidi speċifiċi tas-sistemi tal-kura fit-tul aktar milli jsegwu bidliet sistemiċi.
- L-isforzi biex tittejjeb is-sostenibbiltà tas-sistemi tal-kura jinkludu bidliet leġiżlattivi mmirati biex jirregolaw u jindirizzaw id-differenzi reġjonali fl-aċċess (fl-Awstrija, l-Estonja) jew biex jirrifurmaw is-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa u tal-kura fit-tul (fis-Slovenja). Il-Belġju stabbilixxa oqfsa regolatorji li jinkludu standard tat-tkabbir tan-nefqa jew li għandhom l-għan li jindirizzaw id-diskrepanza bejn il-provvista tal-kura residenzjali u l-ħtiġijiet għaliha.
- Qed jiġi rrapportat fokus akbar fuq l-iżgurar ta' kwalità aħjar u forom alternattivi ta' akkomodazzjoni għal persuni akbar fl-età, inkluż permezz ta' investimenti proposti fit-titjib tat-tranżizzjoni minn kura istituzzjonali għal kura bbażata fil-komunità (l-Awstrija, il-Belġju, is-Slovenja); it-tnejn ta' standards nazzjonali ta' kwalità (is-Slovenja), jew l-istabbiliment ta' standards minimi għall-kura fid-djar, kif ukoll l-elaborazzjoni ta' gwida u definizzjoni għar-rwoli rispettivi tal-gvernijiet ċentrali u lokali (l-Estonja). *L-infermiera komunitarji*, maħtura bħala persuni ta' kuntatt ċentrali u inkarigati li jiffaċilitaw l-interazzjonijiet bejn il-persuni u l-fornituri tal-kura, huma parti importanti mill-isforzi tal-Awstrija.

- Ġew enfasizzati l-isfidi tal-forza tax-xogħol (l-Awstrija, il-Belġju), u dawn qed jiġu indirizzati permezz ta' miżuri ta' appoġġ għal persuni li qed jagħmlu taħriġ inizjali fl-infermerija u l-kura, it-titjib tal-attraenza tax-xogħol fis-settur tal-LTC (l-Awstrija), u miżuri ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid (l-Estonja), u l-ġhoti ta' diversi forom ta' appoġġ lil persuni li jindukraw b'mod informali. Qed tingħata wkoll attenzjoni speċjali lill-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni u soluzzjonijiet innovattivi oħra.

b. Eżitu tad-diskussjoni tematika fil-qasam tal-kura fit-tul

Id-diskussjoni tematika f'dan il-qasam ta' politika ġiet inkwadrata minn preżentazzjoni tal-istudju *Long-term care social protection models in the EU*. (Mudelli ta' protezzjoni soċjali tal-kura fit-tul fl-UE). L-istudju jesplora l-prevalenza tas-servizzi formali, meta mqabbla mad-dipendenza fuq il-kura informali, kif ukoll il-modalitajiet differenti tal-intervent mill-istat (benefiċċji fi flus u servizzi). Sab li l-mudelli li jipprovdu l-aħjar kopertura għall-ħtiġijiet tal-kura fit-tul huma dawk li jiddependu fuq provvista pubblika b'saħħitha, bil-provvista in natura li għandha rwol ewlieni. Fin-naħa opposta tal-ispettru, intervent limitat mill-istat huwa assoċjat ma' rati baxxi ta' kopertura u riskju akbar ta' faqar u esklużjoni soċjali għal persuni akbar fl-età bi ħtiġijiet ta' kura fit-tul.

F'dan il-kuntest, id-diskussjoni tematika fil-KPS iffukat fuq l-iżgurar tal-aċċess għal servizzi ta' kura fit-tul ta' kwalità għolja affordabbli, filwaqt li tqieset il-ħtieġa sottostanti għas-sostenibbiltà, u l-bilanċ bejn id-dispożizzjonijiet ta' servizzi ta' kura formali u l-kura informali:

- Minkejja l-eteroġeneità tas-sistemi nazzjonali tal-kura fit-tul fl-Ewropa, b'differenzi sinifikanti fl-organizzazzjoni, l-ġhoti u l-finanzjament tal-kura fit-tul madwar l-Istati Membri, għad hemm sfidi komuni fir-rigward tal-aċċess, l-affordabbiltà, il-kwalità u l-forza tax-xogħol.

- L-indirizzar ta' dawn l-isfidi jeħtieġ firxa ta' riformi differenti. Minħabba r-rabtiet b'saħħithom tal-kura fit-tul mal-protezzjoni soċjali, il-kura tas-saħħa u l-impjiegi, huma meħtieġa azzjonijiet komprensivi u trasversali. Approċċi preventivi u intervent bikri, integrazzjoni bejn il-kura fit-tul u l-kura tas-saħħa primarja, immirar aħjar tas-servizzi tal-kura fit-tul permezz ta' approċċi ċċentrati fuq il-persuna ġew indikati bħala ingredjenti meħtieġa tat-taħlita ta' politiki.
- L-issodisfar tad-domanda dejjem tikber għall-kura fit-tul jiddependi ħafna fuq id-disponibbiltà ta' għadd suffiċjenti ta' persuni li jindukraw imħarrġa. Il-bidliet fl-istruttura tal-familja, kif ukoll fil-parteeċipazzjoni akbar tan-nisa fil-forza tax-xogħol x'aktarx li jwasslu għal tnaqqis fid-disponibbiltà tal-indukrar informali. Minkejja l-potenzjal sinifikanti tagħha għall-ħolqien tal-impjiegi, il-kura fit-tul bħalissa hija kkaratterizzata minn kondizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, pagi baxxi, u fatturat għoli. F'dan il-kuntest, iż-żieda fl-attraenza tas-settur tal-kura, inkluż permezz ta' kondizzjonijiet tax-xogħol aħjar u paga oġhla, taħriġ, ġiet identifikata bħala qasam ewlieni għall-azzjoni. L-indirizzar tal-ħtiġijiet tal-persuni li jindukraw b'mod informali jista' jirrikjedi aktar miżuri, bħall-ġhoti ta' krediti għall-kura, appoġġ għas-saħħa mentali u liv ta' mistrieħ. Peress li l-maġġoranza l-kbira tal-ħaddiema, kif ukoll dawk li jindukraw b'mod informali huma nisa, il-miżuri biex jittejjbu l-kondizzjonijiet tax-xogħol tas-settur jappoġġaw ukoll l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.
- Huma meħtieġa wkoll azzjonijiet biex jiġi żgurat li dawk fil-bżonn ikunu jistgħu jaċċessaw il-kura mingħajr piż finanzjarju żejjed. Għal dak l-għan, diversi pajjiżi qed jieħdu passi biex jistabbilixxu kura formali fit-tul bħala parti mis-sistema ta' protezzjoni soċjali tagħhom. Mingħajr din il-protezzjoni, il-kostijiet totali tal-kura fit-tul mhumieħ affordabbli għal ħafna Ewropej.

- L-Istati Membri qed jagħmlu wkoll sforzi biex iżidu l-kosteffettività tas-servizzi tal-kura, inkluż permezz tal-użu ta' teknoloġiji ġodda u jiffukaw fuq intervent bikri u miżuri ta' prevenzjoni. L-iżgurar tal-bilanċ it-tajjeb bejn mudell ta' kura residenzjali u strateġiji ta' tixjiħ fis-seħħ, inkluż il-kura fid-dar u l-kura bbażata fil-komunità, huwa element ewlieni fl-aġendi nazzjonali ta' riforma. Dan għandu l-potenzjal li jkollu impatt pożittiv fuq il-benesseri individwali, filwaqt li jżid il-kosteffettività tan-nefqa. Fl-istess ħin, it-tixjiħ tal-popolazzjoni Ewropea huwa mistenni li jwassal għal sehem dejjem akbar ta' persuni akbar fl-età fraġli, bi ħtieġa korrispondenti għal kura f'ambjent residenzjali, għalhekk hija meħtieġa valutazzjoni bir-reqqa tal-ħtiġijiet futuri sabiex jiġi ggarantit li l-istituzzjonijiet jissodisfaw l-obbligi tagħhom lejn il-persuni akbar fl-età.
- L-iskambju kkonferma wkoll il-ħtieġa li jittejbu l-kwalità u d-disponibbiltà tad-data, biex ikunu jistgħu jitfasslu politiki u miżuri effettivi biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-kura fit-tul ta' popolazzjoni li qed tixjiej. Għal dak il-għan, il-KPS, permezz tal-grupp ta' hídma indikatur tiegħu ser ikompli jaħdem mal-Kummissjoni dwar l-iżvilupp ta' indikaturi komuni tal-UE dwar il-kura fit-tul u b'mod partikolari dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għal kura fit-tul ta' kwalità għolja u affordabbli.

Annessi:

- 1. Eżitu tar-Rieżamijiet speċifiċi għall-Pajjiżi tal-2023 mill-EMCO**
- 2. Eżitu tar-Rieżamijiet speċifiċi għall-Pajjiżi tal-2023 mill-KPS**
- 3. Eżitu tar-Rieżamijiet Konġunti speċifiċi għall-Pajjiżi tal-2023 mill-EMCO u l-KPS**